ADPD

XKUPA ĦADRA TNADDAF



# Manifest Elettorali

## Elezzjoni Ġenerali 2022

# Werrej


| | |
|---|---|
| 3 | Xkupa ħadra tnaddaf |
| 4 | L-etika fil-ħajja pubblika |
| 6 | Il-finanzjament tal-partiti politiċi |
| 8 | Tibdil kostituzzjonali |
| 11 | Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata |
| 13 | Dħul minimu garantit |
| 15 | Is-suq tal-kera |
| 17 | Is-settur finanzjarju |
| 19 | L-ekonomija |
| 22 | Il-koperattivi |
| 24 | It-turiżmu |
| 26 | Id-diġitalizzazzjoni |
| 28 | Il-politika dwar il-klima |
| 31 | It-trasport |
| 34 | L-ambjent |
| 36 | Id-dritt ta' aċċess għall-kampanja |
| 38 | L-użu tal-art u l-baħar |
| 40 | ODZ: barra miż-żona ta' żvilupp |
| 42 | Irridu l-bankina lura |
| 44 | Il-bordijiet li jieħdu d-deċiżjonijiet |
| 46 | L-iżvilupp sostenibbli |
| 48 | L-ilma |
| 50 | Ir-raba' qed isejħilna |
| 52 | Il-politika dwar l-iskart |
| 54 | Għawdex |
| 56 | Il-Kunsilli Lokali |
| 58 | Id-droga: politika b'wiċċ uman |
| 60 | Favur l-ugwaljanza u kontra l-vjolenza a bażi tal-ġeneru |
| 62 | Is-saħħa |
| 65 | Id-drittijiet dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva |
| 68 | L-edukazzjoni |
| 71 | L-edukazzjoni post-sekondarja: MCAST u Università |
| 73 | Il-kultura, l-isports u l-għaqdiet volontarji |
| 75 | Il-ħabs |
| 77 | It-teknoloġija li tagħraf l-uċuħ *(facial recognition technology)* |
| 79 | L-immigrazzjoni |
| 81 | It-testment bijoloġiku |

# XKUPA ĦADRA TNADDAF

Malta marida.

Hi marida bħala riżultat tar-regħba u tal-mibgħeda li rabbew għeruq fil-fond fostna.

Regħba li nisslet ħerba biex stagħnew il-ftit a spejjeż tal-bqija.

Mibgħeda li hi frott tal-intolleranza ta' madwarna li tħalliet tikber u titkattar tul is-snin.

Intolleranza li herriet is-sisien demokratiċi tan-nazzjon. Intolleranza li ssolvi l-argumenti bit-theddid u l-bombi.

Intolleranza li kontinwament tirriduċi lill-kritiċi għal oġġetti, imkasbra u mżebilħa.

Regħba li tigglorifika lil min jevadi t-taxxa. Li tiddefendi li min inibbet il-kumpaniji sigrieta fil-Panama.

Dan hu mard li herra lill-pajjiż. Mard li nfirex minħabba istituzzjonijiet li tħallew dgħajfa u bosta drabi nieqsa u bla vuċi.

F'Malta, il-poter politku u dak tan-negozju huma qrib wisq ta' xulxin. Dan ilna ħafna ngħiduh f'kuntest tal-kontabilità, tat-trasparenza u l-imġiba etika fil-ħajja pubblika. Riċentement qalitu ukoll il-Kummissjoni ta' Inkjesta dwar iċ-ċirkustanzi li wasslu għall-qtil ta' Daphne Caruana Galizia.

Il-kontabilità, it-trasparenza u l-imġiba etika fil-ħajja pubblika jibqgħu dejjem materji ewlenin li dwarhom hemm nuqqasijiet kontinwi fil-ħajja politika Maltija. Jeħtieġu Parlament kapaċi jgħarbel u jiddeċiedi. Jeħtieġu Membri Parlamentari ta' integrità, kapaċi li b'ħidmiethom jissorveljaw b'mod kontinwu u konsistenti l-amministrazzjoni pubblika. Jeħtieġu istituzzjonijiet b'sinsla.

L-istituzzjonijiet huma dgħajfa u mhumiex effettivi. Huma ukoll maħkuma mid-duopolju PLPN li tul is-snin għamlu kemm setgħu biex joħonqu kull vuċi li tiqfilhom jew li għandha l-potenzjal li tiqfilhom.

Il-kawża ta' dan kollu hi sistema elettorali li tostakola rappresentanza parlamentari lil hinn minn żewġ partiti, lil hinn mid-duopolju PLPN. Hi sistema elettorali diskriminatorja li tfittex il-kontroll u mhux ir-rappreżentanza xierqa. Sistema elettorali li tfittex li toħnoq ilħna bħal tagħna.

Aħna konxji li t-triq għalina hi dejjem għat-telgħa. Ilna konxji dwar dan, imma qatt ma qtajna qalbna.

L-aġenda tagħna hi politika ta' servizz lejn il-komunità kollha. Politika ta' ndafa fil-ħajja pubblika. Irridu nkunu strument politiku li jnaddaf. Xkupa ħadra li tnaddaf. Politika li tagħti servizz illum imma li żżomm kontinwament quddiem għajnejha l-impatti fuq għada, fuq il-ġenerazzjonijiet futuri u allura tqis kif dak li jseħħ illum ma jostakolax id-dritt tagħhom li huma ukoll ikun possibli għalihom li jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom.

Għal darba oħra qed nippreżentaw kandidati fuq kull wieħed mid-distretti elettorali u qed nitolbu l-vot tagħkom biex immexxu 'l quddiem u nwettqu dan il-manifest elettorali.

# L-etika fil-ħajja pubblika




XKUPA
ĦADRA
TNADDAF

# L-etika fil-ħajja pubblika

L-indafa fil-ħajja pubblika ma tiġix mix-xejn. Irridu naħdmu għaliha kuljum.

Hu meħtieġ li l-Membri Parlamentari jkunu *full-timers*. Dan hu meħtieġ mhux biss għax hemm ħafna xogħol parlamentari li għandu jsir imma fuq kollox biex ikun iktar possibli li jkun evitat il-kunflitt ta' interess bejn ir-responsabbiltajiet parlamentari u dawk professjonali jew dawk li jirriżultaw mix-xogħol.

L-uniku xogħol tal-membru Parlamentari għandu jkun dak fil-Parlament u konness miegħu. M'għandux ikun possibbli għal Membru Parlamentari li waqt li jkun fil-ħatra jagħmel kwalunkwe xogħol ieħor. Dan jinkludi li Membru Parlamentari ma jkunx jista' jinħatar fuq bordijiet ta' awtoritajiet u kummissjonijiet kemm dawk maħtura fis-settur pubbliku kif ukoll dawk fis-settur privat.

Matul din il-leġislatura li għadha kif spiċċat, wara ħafna tkaxkir tas-saqajn, rajna l-ħolqien tal-kariga ta' Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Ir-rapporti tiegħu u d-diskussjoni pubblika dwarhom juru dejjem iktar mhux biss kemm għad baqa' xi jsir, imma fuq kollox kemm hi kbira l-problema.

Fost oħrajn, il-*lobbying* għadu mhux regolat minkejja li issa għadda ħafna żmien minn meta ġew ippubblikati proposti dwaru għad-diskussjoni pubblika.

Fih innifsu l-*lobbying* mhux ħażin għax hu essenzjali li fil-ħajja pubblika jkun hemm interazzjoni ta' ideat u proposti għal inzjattivi għal diversi miżuri jew deċiżjonijiet.

Hu tajjeb li l-politiku jiltaqa' kif ukoll li jisma' lil kulħadd inkluż li jirċievi proposti għal azzjoni anke jekk min jagħmel il-proposti jkollu interess dirett f'dak propost.

Kulħadd għandu d-dritt li jmexxi 'l quddiem l-ideat tiegħu u l-politiku għandu l-obbligu li jisma' lil kulħadd kif ukoll l-obbligu li jgħarbel u jiżen kulma jisma'. Imma għandu ukoll l-obbligu li jaġixxi fl-interess tal-komunità kollha u qatt biex jaġevola lil xi ħadd jew lil xi settur partikolari a skapitu tal-bqija.

Ir-regolamentazzjoni tal-*lobbying* għaldaqstant tfittex li titfa' dawl fuq dan kollu billi tassigura trasparenza fil-ħidma tal-Ministri u l-Ministeri tagħhom, tal-Awtoritàjiet Pubbliċi, tar-regolaturi, kif ukoll ta' dawk kollha fis-settur pubbliku li jieħdu d-deċiżjonijiet.

Regolarment għandu jkun magħruf ma' min saru laqgħat mill-Ministri, Segretarji Parlamentari u mill-uffiċjali għolja tal-Gvern u tal-Awtoritajiet Pubbliċi. Għandhom ikunu pubbliċi l-minuti tal-laqgħat ta' dawk kollha li jeserċitaw il-poter politiku u amministrattiv kif ukoll għandhom ikunu aċċessibli l-proposti li huma jkunu rċevew flimkien mal-istudji li jkunu saru biex iwieżnu dawn il-proposti.

Għandha tinżamm id-distanza bejn id-dinja tan-negozju u l-amministrazzjoni pubblika f'kull ħin.

Il-*lobbying* ma jsirx biss permezz tal-laqgħat. Isir ukoll, u ħafna drabi hu iktar effettiv permezz tal-mod kif isiru l-impjiegi fis-settur pubbliku inkella kif is-settur privat jimpjega lil min ikun għadu kif spiċċa minn kariga regolatorja. Hemm bżonn li din il-prattika, magħrufa bħala *revolving door employment* tkun regolata.

Dan iseħħ meta persuna attiva fin-negozju tiddaħħal tifforma parti mis-segretarjat privat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew f'dawk l-Awtoritajiet Pubbliċi li għandhom poter deċiżjonali. Isseħħ ukoll meta Ministru jew Segretarju Parlamentari, inkella uffiċjal pubbliku b'poteri deċiżjonali u/jew regolatorji, kif itemm il-ħatra tiegħu, jkun ingaġġat f'azjendi kbar, man-negozju jew l-industrija, bħala konsulent fil-qasam li dwaru kellu responsabbiltajiet politiċi jew regolatorji, hekk kif ikun temm il-ħatra tiegħu.

Din ġrat diġa f'Malta ukoll, ġrat diversi drabi u għad mhux regolata sal-lum. Isservi biex il-persuna hekk impjegata permezz tal-għarfien u kuntatti akkumulati tkun ta' benefiċċju għal min impjegaha u hekk tieħu vantaġġ, kemm vantaġġ fih inniffsu kif ukoll fuq kompetituri.

Fl-Unjoni Ewropea minkejja li din l-imġieba hi regolata ukoll, għadu għaddej id-dibattitu dwar il-ħtieġa li tkun dejjem iktar regolata aħjar.

Dan it-tip ta' ingaġġ ġeneralment m'għandux jitħalla jsir qabel ma jkunu għaddew madwar sentejn jew tlieta minn meta l-politiku jkun temm il-ħatra politka tiegħu bħala Ministru jew Segretarju Parlamentari, inkella minn meta jkun intemm l-impjieg regolatorju jew deċiżjonali fis-settur pubbliku jew awtorità pubblika. Għandu jkun hemm perjodu magħruf bħala *cooling off period* li fih bil-mod jinbidlu l-persuni u allura tonqos il-possibiltà ta' influwenza esterna fuq id-deċiżjonijiet li jittieħdu minn żmien għal żmien.

# Il-finanzjament tal-partiti politiċi



ADPD

XKUPA ĦADRA TNADDAF

# Il-finanzjament tal-partiti politiċi

Għandha tittejjeb il-liġi tal-finanzjament tal-partiti politiċi billi fost oħrajn tkun eliminata l-possibilità li jkunu l-partiti politiċi stess li jirregolaw lilhom infushom permezz tal-Kummissjoni Elettorali li hi komposta fil-maġġor parti tagħha minn rappreżentanti tal-partiti fil-parlament.

L-iskema diġa eżistenti ta' finanzjament tal-partiti politiċi mill-istat, li preżentement hi limitata għall-partiti politiċi fil-parlament, għandha tkun estiża għall-partiti politiċi kollha reġistrati u dan billi kull sena kull partit politiku li jikseb tal-inqas 1% tal-voti f'elezzjoni ġenerali, jew f'elezzjoni tal-Parlament Ewropew inkella fl-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali jirċievi direttament mill-istat għotja kull sena għal kull vot miksub.

Fil-passat saru diversi proposti dwar dan. Fil-Manifest Elettorali tal-2013 Alternattiva Demokratika kienet ipproponiet li din l-għajnuna tkun ta' €3 għal kull vot kull sena. Il-Partit Laburista fil-Parlament matul il-leġislatura 2008-2013 min-naħa l-oħra kien ippropona r-rata ta' €5 għal kull vot.

Il-Partit Nazzjonalista, fil-Gvern matul il-leġislatura 2008-2013 kif irrifjuta li jikkonsidra l-proposta tal-Partit Laburista. Illum huwa l-Partit Nazzjonalista innifsu li qed jitlob finanzjament dirett tal-istat għall-partiti politiċi. Imma illum il-Partit Laburista, fil-Gvern, mhux jaqbel!

Fil-konfront ta' dan kollu nippreżentawlkom mill-ġdid il-proposta tagħna, konsistenti tul is-snin.

Imma marbuta ma' skema ta' finanzjament pubbliku tal-partiti politiċi għandu jkun hemm limitazzjonijiet ikbar milli hemm illum dwar donazzjonijiet li partiti politiċi jkunu jistgħu jirċievu.

Qed nipproponu li partit politiku ma jkunx jista' jirċievi donazzjoni li taqbeż il-€5,000 fis-sena mingħand persuna partikolari. Dan il-limitu illum huwa ta' €25,000.

Hu meħtieġ ukoll li jkunu regolati l-kumpaniji kummerċjali tal-partiti politiċi. Idealment għandu jkun ipprojbit li l-partiti politiċi jiġġestixxu attività kummerċjali. Sakemm dan iseħħ, iżda, hemm bżonn trasparenza ikbar fl-amministrazzjoni ta' dawn l-azjendi. In partikolari ma tistax tibqa' sitwazzjoni fejn il-kontijiet verifikati ta' kumpaniji tal-PN u l-PL ilhom snin twal ma jkunu preżentati.

M'għandux ikun possibli li l-partiti politiċi jużaw dawn il-kumpaniji kummerċjali biex permezz tagħhom jiksbu finanzjament illegali fi kwalunkwe forma.

Il-partiti politiċi għandhom, ta' kull sena, apparti li jiddikjaraw kemm kisbu donazzjojijiet, jiddikjaraw ukoll kull self li għandhom, irrispettivament mill-forma ta' dan is-self.

Il-Parlament għandu jeżamina sewwa liema hi l-propjetà pubblika li illum il-ġurnata hi użata mill-partiti politiċi. Għandu jassigura ruħu li din il-propjetà li dwarha titħallas il-kera, tkun soġetta għall-ħlas ta' kirjiet kummerċjali li jkunu reveduta regolarment.

# Tibdil kostituzzjonali



XKUPA ĦADRA TNADDAF

# Tibdil kostituzzjonali

Bħala partit diġà preżentajna proposti dettaljati[1] biex dawn ikunu kkunsidrati mill-Konvenzjoni Kostituzzjonali, li ilha ġejja b'ħafna pompa, imma li s'issa għad ma waslitx.

Il-proposti f'dak id-dokument tkellimna fit-tul dwarhom u huma ukoll proposti mill-ġdid f'dan il-Manifest Elettorali għax is-sitwazzjoni, sostanzjalment ma nbidlitx minn meta ġie mħejji u ippubblikat dak id-dokument sentejn ilu.

Malta qed tinbidel u jeħtieġ li l-Kostituzzjoni tagħna tirrifletti din il-bidla. Hu meħtieġ li l-Kostituzzjoni illum tirrifletti l-valuri ta' Malta tal-lum, u mhux ta' Malta tal-bieraħ. Ilbieraħ għadda u mar: illum hu jum ġdid.

Nibdlu kemm nibdlu fil-Kostituzzjoni, imma, anke jekk saħansitra nfasslu kostituzzjoni ġdida għal kollox, fl-aħħar, dejjem se niddependu minn dawk li jħaddmuha u għalhekk fuq dawk li jintgħażlu biex imexxu l-pajjiż bħala riżultat tal-proċess demokratiku. Proċess elettorali sigur li jħares l-ilħna u l-veduti kollha fil-pajjiż hu għaldaqstant fundamentali għax minnu nnifsu huwa l-isħaħ garanzija għall-ħarsien tal-Kostituzzjoni.

Dan ma jgħoddx għalina biss, imma għal kull pajjiż li jirrispetta lilu nnifsu. Huwa għalhekk li hu dejjem iktar meħtieġ li l-poteri kostituzzjonali jkunu mifruxa u mhux fi ftit idejn. Fejn dan iseħħ b'mod adegwat joħloq kontro-bilanċ bejn il-poteri differenti u allura jnaqqas il-possibilità li l-abbuż u d-diffikultajiet li jinqalgħu minn żmien għal żmien jikbru u jitwalu żżejjed u dan bi ħsara għall-pajjiż kollu.

Il-proposti tagħna għal tiġdid kostituzzjonali huma:

1. li l-mekkaniżmu għall-aġġustament tar-riżultat elettorali għall-proporzjonalità, kif ukoll dak għal bilanċ ta' rappreżentanza tal-ġeneru, ma jibqax privileġġ tal-PLPN imma jkun applikabbli għal kulħadd soġġett għal għatba ta' 2.5% tal-voti validi; mhux meħtieġ li l-parlament jikber fid-daqs biex ikun verament rappreżentattiv;

2. kull Membru Parlamentari għandu jiddedika l-ħin tiegħu kollu għall-ħidma parlamentari; m'għandux ikun hemm eċċezzjonijiet;

3. il-Parlament għandu jdum għal perjodu fiss; il-Prim Minsitru m'għandux ikollu s-setgħa li jxolji l-Parlament u jsejjaħ elezzjoni meta jrid jew meta jkun jaqbel politikament; il-Parlament għandu jkun awto-regolat u għandu jkun hu biss li f'ċirkustanzi straordinarji jkollu l-awtorità li jxolji jew b'xi mod ieħor iwaqqaf il-ħidma tiegħu;

4. il-korpi Kostituzzjonali għandhom jinħatru direttament mill-Parlament jew fuq parir tiegħu; dan b'referenza għall-Kummissjoni Elettorali, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi u l-Awtorità tax-Xandir b'mod partikolari, il-Parlament għandu jissorvelja l-ħidma ta' dawn il-korpi kostituzzjonali kontinwament u mhux biss meta tinqala' xi kriżi;

5. il-President tar-Repubblika m'għandux jibqa' jiġi elett mill-Parlament waħdu, iżda minn kulleġġ elettorali li fih ikun hemm rappreżentanza tal-Kunsilli Lokali ukoll;

6. Il-President tar-Repubblika għandu jingħata l-għodda legali biex ikun jista' jħares il-Kostituzzjoni; in partikolari għandu jkun possibli biex il-President tar-Repubblika jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu għad-dħul fis-seħħ ta' liġi jekk din tkun tmur kontra dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni;

7. il-ħatra ta' persuni ta' fiduċja (*persons of trust*) fl-amministrazzjoni pubblika hi drawwa li rabbiet l-għeruq imma li hi inaċċettabbli, ħlief fil-każ tas-segretarjat privat tal-Ministeri. Din id-drawwa ipprattikata mill-PLPN trid tieqaf minnufih;

8. l-eżistenza ta' stazzjonijiet tat-TV u r-radju f'idejn il-partiti politiċi hi inaċċettabbli fis-soċjetà tal-lum; dawn għandhom jispiċċaw u dan f'kuntest ta' riforma radikali tax-xandir pubbliku li tassigura l-imparzjalità u li kull leħen ikollu l-possibiltà li jinstema';

9. l-artiklu 2 fil-Kostituzzjoni dwar ir-reliġjon hu anakroniżmu u għandu jitħassar fit-totalità tiegħu;

10. is-sussidjarjetà għandha tkun rikonoxxuta bħala waħda mill-pedamenti essenzjali tar-Repubblika bħala linja gwida kostituzzjonali għall-amministrazzjoni pubblika tal-pajjiż;

[1] Ara https://adpd.mt/wp-content/uploads/2019/1/AD_Riforma-Kostituzzjonali.pdf

11. m'hemmx iktar lok għad-dikjarazzjoni dwar in-newtralità fl-artiklu 1 tal-Kostituzzjoni; din ir-referenza dwar in-newtralità għandha titneħħa u għandu jkun rinfurzat il-bqija tal-artiklu favur il-paċi, is-sigurtà u l-progress soċjali waqt li jkun assigurat li f'Malta ma jkunx hawn bażi militari;

12. drittijiet diġitali jingħataw għarfien kostituzzjonali;

13. il-kunflitti bejn il-Gvern u l-Ombudsman jew l-Awditur Ġenerali jeħtieġu soluzzjoni immedjata, b'mod partikolari meta dawn jitolbu informazzjoni fil-kors tal-ħidma tagħhom u din ma tingħatalhomx;

14. id-dritt għar-referendum abrogattiv jeħtieġ li jissaħħaħ; għandu jkun introdott ukoll id-dritt għal referendum propożittiv;

15. il-linji gwida fit-tieni kapitlu tal-Kostituzzjoni m'għandhomx ikunu sempliċiment dikjarazzjoni ta' prinċipji imma għandu jkun possibli li ċittadin jieħu passi biex dawn ikunu applikati b'mod konkret fil-politika mħaddma mill-Gvern tal-ġurnata; dan jgħodd għall-prinċipji kollha msemmija, imma prinċipalment għall-artiklu 9 li jitkellem dwar l-ambjent.

# Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata



ADPD

XKUPA
ĦADRA
TNADDAF

# Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata

Malta ttieklet minn ġewwa minħabba l-korruzzjoni u l-krimininalità organizzata. Membri Parlamentari eletti f'isem l-ADPD jaħdmu sabiex f'Malta tibda tissaħħah il-kultura tas-saltna tad-dritt u tinbidel il-kultura li tippremja l-Mafja. Jippromwovu inizjattivi sabiex:

1. jiġu implementati bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-kummissjoni ta' inkjesta pubblika dwar l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia;

2. titwaqqaf inkjesta b'esperti lokali u internazzjonali dwar il-kuntratti pubbliċi *long term* li daħal fihom il-Gvern wara l-2013, fosthom dawk tal-Electrogas u l-Vitals;

3. sakemm jitlestew l-inkjesti, jiġu sospiżi pagamenti lill-kumpaniji privati involuti billi dawn il-pagamenti jiġu depożitati fil-Qorti. Il-pagi tal-ħaddiema ta' dawn il-kumpaniji u suppliers lokali affetwati jitħallsu mill-gvern minflok, jekk ikun hemm bżonn, sakemm jitlestew l-inkjesti. Flus imħallsa mill-gvern f'pagi jitnaqqsu minn ammonti mħallsa mill-gvern fil-qrati;

4. tieqaf l-iskema ta' bejgħ tal-passaporti;

5. titwaqqaf *National Crime Agency* b'esperti lokali u internazzjonali sabiex tinvestiga l-kriminalita organizzata, il-ħasil tal-flus u l-korruzzjoni fil-politika fost l-oħrajn. Din l-agenzija tieħu l-ordnijiet mill-maġistrat speċjali anti-Mafja. L-FIAU ssir diviżjoni ta' din l-aġenzija;

6. titwaqqaf kummissjoni internazzjonali li tinvestiga l-kuntrabandu taż-żejt Libjan speċjalment il-kuntrabandu fuq *Hurd's Bank* — ir-reponsabbilità Maltija ghal din l-inkjesta taqa' taħt in-*National Crime Agency*;

7. titwaqqaf skema ta' *whistleblower protection* fl-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jiġu investigati każijiet ta' korruzzjoni politika u/jew abbuż ta poter fl-għoti tal-permessi ta' żvilupp;

8. jiġu multiplikati r-riżorsi mogħtija għal investigazzjonijiet eżistenti fi ħdan il-Pulizija dwar korruzzjoni politika u ħasil ta' flus.

# Dħul minimu garantit



XKUPA ĦADRA TNADDAF

# Dħul minimu garantit

Għal min għandu kuxjenza soċjali, l-bżonn li kulħadd ikollu dħul minimu garantit, hi materja ta' importanza dejjiema. F'ċirkustanzi bħal dawk li għaddejjin minnhom bħalissa, fejn il-prezzijiet ta' dak li hu essenzjali qed jisparaw 'il fuq, b'mod kultant esaġerat, dan kollu jassumi importanza ħafna ikbar.

Il-mistoqsija ta' dejjem hi dwar jekk dan id-dħul għandux jiġi kollu mill-impjieg (jew mill-pensjoni), inkella jekk il-paga jew pensjoni għandhiex titwieżen minn dħul ieħor, paga soċjali, meta din il-paga/pensjoni ma tkunx biżżejjed għal għajxien diċenti.

Diversi pajjiżi qed jesperimentaw permezz ta' proġetti pilota b'din l-idea. Bħala riżultat ta' dan qed ifittxu forom alternattivi ta' xibka soċjali biex iħarsu lill-vulnerabbli billi jkun garantit dħul minimu bażiku għal kulħadd, u dan irrispettivament miċ-ċirkustanzi partikolari tal-ħajja tal-persuni differenti.

Kulħadd għandu d-dritt li jkollu l-mezzi bażiċi biex ikun jista' jgħix ħajja diċenti.

Il-fatti bażiċi, illum il-ġurnata, suppost li huma ċari għal kulħadd.

It-tliet studji tal-Caritas ippubblikati tul dawn l-aħħar snin urew distakk bejn il-paga minima nazzjonali u l-ħtieġijiet bażiċi għall-kategorji differenti ta' familji vulnerabbli. Din id-differenza qegħda dejjem tiżdied minn sena għall-oħra.

Fil-każ ta' familja li tikkonsisti f'żewġ adulti u żewġt itfal, din id-differenza hi ta' 40 fil-mija, u dan huwa kkalkulat fuq prezzijiet tal-2020! Dan ma jirriflettix dħul minn servizzi ta' solidarjetà soċjali bħall-allowance tat-tfal u forom oħra ta' dħul soċjali supplementari li jkunu japplikaw f'ċirkustanzi partikolari. Meta dan kollu jittieħed in konsiderazzjoni ukoll, id-differenza f'ħafna każi tonqos, xi drabi b'mod sostanzjali.

Iż-żieda ta' bħalissa fil-prezzijiet ta' affarijiet essenzjali, f'ħafna każi żieda ta' madwar 25 fil-mija (hemm anke każi fejn iż-żieda hi ferm ikbar) twassal għal tħassib addizzjonali. Iż-żieda għall-għoli tal-ħajja fil-pagi u l-pensjonijiet hi effettiva mill-bidu tas-sena u tirrifletti l-għoli tal-ħajja tat-tnax-il xahar ta' qabel.

L-aħħar żieda għall-għoli tal-ħajja kienet ta' €1.75 fil-ġimgħa. Tul dawn l-aħħar snin din iż-żieda għall-għoli tal-ħajja varjat bejn żieda ta' €5.82 fil-ġimgħa fl-2010 u żieda ta' €0.58 fil-ġimgħa fl-2015. Xi drabi nħossu li din iż-żieda tkun baxxa wisq kif ġara fl-2015 biż-żieda għall-għoli tal-ħajja li ngħatat dakinhar.

Hu essenzjali li l-basket ta' oġġetti u servizzi li jintużaw biex permezz tagħhom titkejjel l-għoli tal-ħajja attwali tkun aġġornata regolarment biex din tkun tirrifletti l-ħtiġijiet reali tal-ħajja ta' kuljum. Ħtiġijiet li, kif nafu, jvarjaw minn żmien għal żmien.

Permezz tal-Ministru tal-Finanzi l-Gvern emfasizza li kien qed jikkunsidra proposti dwar kif iż-żieda għall-għoli tal-ħajja tkun tirrifletti b'mod aħjar il-ħtiġijiet tal-vulnerabbli u ta' dawk bi dħul baxx. S'issa għad ma immaterjalizza xejn avolja l-Ministru ilu jindika li għandu quddiemu diversi proposti u alternattivi. Ikun ħafna aħjar jekk dawn id-diskussjonijiet ikunu pubbliċi.

Waħda mill-possibilitajiet li bla dubju għandha tkun fuq il-mejda għad-diskussjoni hi li ż-żieda għall-għoli tal-ħajja m'għandhiex tibqa' tkun imfaddla għal tnax-il xahar biex f'Jannar imbagħad jiżdiedu l-pagi u pensjonijiet. Għandu jkun possibli li ż-żieda tingħata iktar malajr, ngħidu aħna darbtejn fis-sena, lejn tmiem Ġunju u fl-aħħar tas-sena. Fi żminijiet bħal tal-lum, b'żieda qawwija u ftit goffa fil-prezzijiet, inizjattiva bħal din tista' tagħmel differenza sostanzjali fil-ħajja tal-vulnerabbli u ta' dawk bi dħul baxx.

Li nassiguraw li kulħadd ikollu dħul minimu diċenti huwa essenzjali fl-iżvilupp tas-servizzi ta' solidarjetà soċjali fil-pajjiż.

# Is-suq tal-kera



ADPD

XKUPA ĦADRA TNADDAF

# Is-suq tal-kera

Is-suq tal-kera bħalissa ġungla li teħtieġ li tkun immansata.

Il-komunità Maltija, tul is-snin, żviluppat allerġija għas-suq tal-kera ta' propjetà residenzjali u dan għax ir-regolamentazzjoni tiegħu, meta eżistiet, kienet pjuttost waħda riġida. Kien hemm alternanza bejn protezzjoni żejda tal-ikwilin għal sitwazzjoni ta' prattikament bla kontrolli ta' xejn: kulħadd jagħmel li jrid. Għal perjodu twil ta' żmien spiċċajna b'liġijiet li kienu intenzjonati bħala miżuri proviżorji fi żmien tal-gwerra u li żmienhom kienu ilhom li għamluhom. It-tkaxkir tas-saqajn tal-politiċi biex jintroduċu liġijiet sura dwar il-kera għal snin kbar kien ta' xkiel biex is-suq tal-kera tal-propjetà residenjali jiżviluppa. Huwa biss bħala reazzjoni għal dan li Malta żviluppat bħala pajjiż fejn bosta huma sid ta' darhom. Kieku l-Gvernijiet li kellna għamlu xogħolhom sewwa l-affarijiet, bla dubju kienu jkunu differenti sew.

Is-suq tal-kera preżentement ħiereġ minn stat ta' anarkija. L-unika regoli li japplikaw huma dawk tal-ġungla fejn min jiflaħ iħawwel. Dan minħabba li s'issa l-istat abdika mir-responsabbiltajiet tiegħu u ma pproteġiex lill-vulnerabbli mill-eċċessi tas-suq.

Għamel tajjeb il-Gvern li ġibed linja dwar kirijiet baxxi eżistenti u lleġisla biex filwaqt li tkun stabilita kirja raġjonevoli ma jbatux l-inkwlini filwaqt li s-sidien ikollhom dħul raġjonevoli.

Jeħtieġ iżda li nħarsu 'l bogħod u nsibu mod kif inħarsu lin-nies mill-qilla tas-suq fil-każ tal-kirjiet il-ġodda. Hu essenzjali li l-propjetà eżistenti ma titħalliex vojta. Ikun għaqli li jkun hemm kemm inċentivi biex tħajjar li l-propjetà tkun utilizzata.

Fil-każ ta' propjetà li minkejja l-inċentivi titħalla vojta għal żmien twil, għandu jkun hemm multi biex dan ikun skoraġġit. Ara ukoll it-taqsima dwar il-koperattivi li jitkellem dwar il-koperattivi tad-djar.

# Is-settur finanzjarju



XKUPA ĦADRA TNADDAF

# Is-settur finanzjarju

Is-settur finanzjarju Malti hu pedament importanti għall-ġejjieni ta' pajjiżna. Dan is-settur qiegħed ibati minħabba il-grey listing. MPs eletti f'isem l-ADPD jaħdmu sabiex:

1. ikun hemm segretarjat parlamentari li jikkordina r-riformi neċessarji sabiex Malta titneħħa mill-*grey list* mill-aktar fis possibbli;

2. isir investment fit-taħriġ dwar l-obbligi tal-professjonisti fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus

3. jiddaħħlu fis-seħħ minnufih l-*Unexplained Wealth Orders* li jkun japplikaw għal kulħadd

4. jissaħħu t-tentativi sabiex it-transfers f'Dollari Amerikani jkunu faċilitati;

5. jitwaqqaf ċentru ta riċerka fi ħdan l-Università ta Malta għall-*fintech* u l-finanza li tippromwovi żvilupp ambjentali u soċjali (*Environmental Social & Governance* (ESG));

6. jiddaħħlu fis-seħħ inċentivi fiskali għal *start-ups* fis-settur finanzjarju (bi prijorità għal ESG) u investimenti tat-tip *venture capital*;

7. tissaħħaħ l-MFSA b'aktar taħriġ u investiment tekniku għas-superviżjoni tas-settur. L-MFSA tidħol f'*secondment agreements* sabiex staff tal-MFSA jintbagħat fuq *secondments* ma' awtoritajiet oħrajn globali fl-iStati Uniti, l-Ewropa u l-Asja;

8. ir-reġistru tal-kumpaniji jiġi riformat sabiex ikun aktar trasparenti u aċċessibbli;

9. jiġi promoss l-iżvilupp ta' Malta bħala ċentru tal-assikurazzjoni u l-*fund management* Ewropew. Għal dan il-għan isir investiment akbar f'up-skilling kontinwu f'dawn is-setturi;

10. il-Finance Malta tingħata *budget* akbar sabiex tippromwovi u tkattar is-settur finanzjarju Malti. Tkompli tissaħħaħ ir-relazzjoni mar-Renju Unit fis-settur. Tingħata ukoll prijorità sabiex jissedqu relazzjonijiet aktar b'saħħithom maċ-ċentri finanzjarji oħra fi Frankfurt, Pariġi, Amsterdam u oħrajn.

# L-ekonomija




XKUPA ĦADRA TNADDAF

# L-ekonomija

Irridu nżewwġu l-ħidma ekonomika mal-ħarsien ambjentali u soċjali billi niżviluppaw dejjem iżjed ekonomija b'ruħ soċjali u qalb ambjentalment sensittiva: dik li nirreferu għaliha bħala *A Green New Deal*.

Din hi ċ-ċavetta għal xogħol li jkun aħjar (kemm xogħol iktar dinjituż, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar), sostenibbilità, inklussività soċjali, l-kapaċità li nirreżistu l-għawġ kif ukoll il-kapaċità li nwieżnu lid-dgħajjef f'mumenti diffiċli. Dan għandna nagħmluh flimkien mal-isħab soċjali, il-ħaddiema, l-unions, in-negozji u l-industrija. Dan biex immexxu 'l quddiem is-sigurtà ekonomika. L-ekonomija teħtieġ riforma biex tkun għas-servizz tan-nies u tirrispetta standards soċjali u ekoloġiċi għolja. Irridu li t-tiġdid ekonomiku neċessarju jkun imsejjes fuq prinċipji ta' mudelli ta' ekonomija soċjo-ekoloġika.

L-ekonomija hija parti minn ħajjitna, imma mhux il-bidu u t-tmiem ta' kollox. Is-suq m'għandux isuq.

L-ekonomija għandha tirrispetta l-limiti ekoloġiċi u soċjali. Nipproponu l-ewwelnett *wellbeing index* nazzjonali, indiċi tal-benesseri soċjali u ekologiku, li jorbot lill-Gvern jieħu deċizjonijiet ekonomiċi li jtejbu dan l-indiċi.

L-investimenti li jsiru fin-negozju jkunu finanzjati mill-istituzzjonijiet finanzjari. Għaldaqstant il-banek u kumpaniji tas-servizzi finanzjarji jkunu obbligati li b'mod konkret ibiddlu l-operat tagħhom biex tintlaħaq il-mira li ż-żieda fit-temperatura medja tad-dinja tinżamm taħt il-1.5°C. Il-pjanijiet għandhom ikunu ibbażati fuq ix-xjenza u b'miri ċari biex il-kumpaniji jilħqu l-mira ta' żero-karbonju.

Kull għajnuna li tingħata lill-kumpaniji għandha tkun marbuta, flimkien ma' obbligu għal bidla fl-operat biex dan ma' jagħmilx ħsara lill-klima, ma' impenn ċar biex ikun protett ix-xogħol, ikun assigurat ħlas indaqs għall-istess xogħol irrispettivament mill-ġeneru, u li jiffoka fuq taħriġ biex issir tranżizzjoni lejn xogħol u ekonomija ħadra u ċirkolari, kif ukoll biex jinqered ix-xogħol prekarju.

Għandu jiddaħħal obbligu li jorbot lill-kumpaniji jsiru, b'miri ċari u enforzabbli, aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u l-ilma, tar-riżorsi, u obbligu biex ibiddlu s-sistemi ta' produzzjoni li jirrispettaw il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u l-indiċi tal-benesseri soċjali u ekoloġiku. Il-ħela ġġib il-ħsara lill-kwalità tal-ħajja tagħna, tmarradna bit-tniġġis, u eventwalment tpoġġina fi żvantaġġ ekonomiku fil-konfront ta' pajjiżi oħra li huma avvanzati aktar minna. L-parti l-kbira tal-appoġġ mill-istat għat-tranzizzjoni soċjo-ekologika għandu jkun immirat lejn SMEs, *self-employed* u koperattivi bbażati verament f'Malta.

Hu essenzjali li Malta timbotta biex l-industrija madwar l-UE kollha, mingħajr eċċezzjoni tħallas tal-ħsara li tagħmel bit-tniġġis, u bl-emissjonijiet tal-karbonju. Min ma jħallasx ikollu vantaġġ ekonomiku inġust. Id-dħul li jsir minn fuq it-tniġġis għandu jiġi investit fl-industrija ħadra u sostenibbli u fir-riċerka dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u biex twieżen dawk l-aktar fil-bżonn.

Hemm bżonn ta' aktar finanzjament pubbliku f'riċerka li tkun ibbażata fuq il-kunċett tax-xjenza pubblika u aċċessibli, *Open Science*. It-tranżizzjoni ekoloġika u soċjali tiddependi fuq riċerka pubblika u trasparenti. Il-konsumatur għandu jkollu l-informazzjoni kollha dwar il-prodotti li jixtri: kif u fejn jissewwew, kemm għandhom ħajja kif ukoll ikollu aċċess għal servizz ta' ġbir tal-prodott biex jiġi proċessat mill-ġdid.

Ix-xiri tal-Gvern u l-entitajiet pubbliċi għandu jiffavorixxi prodotti u servizzi li jirrispettaw mudell ekonomiku soċjo-ekoloġiku.

Kumpaniji li jaħbu flushom u l-profitti tagħhom *offshore*, biex jevitaw li jagħtu sehemhom permezz tat-taxxi, bħal ma' jerfgħu sehemhom il-ħaddiema, l-impjegati, u l-kumpaniji żgħar u medji ibbażati fl-ekonomiji lokali u nazzjonali, m'għandhomx igawdu minn għajnuna pubblika. *Letterbox companies* ma jibqgħux irreġistrati mill-awtoritajiet Maltin. Hemm bżonn sforz Ewropew biex tiġi miġġielda wkoll l-evażjoni tat-taxxa.

Malta m'għandhiex tibqa' tibbaża parti mill-Prodott Gross Nazzjonali fuq l-evażjoni tat-taxxi minn pajjiżi oħra: dan ukoll hu attakk kontra l-prinċipju bażiku ta' solidarjetà. F'dan il-każ Malta qed timmina is-solidarjetà soċjali u dan billi tinkoraġixxi l-evażjoni tat-taxxi f'pajjiżi oħra biex imbagħad iddaħħal taxxi ridotti fil-kaxxa ta' Malta.

Il-kriżi tal-COVID-19 urietna wkoll li l-kunċett ta' *smart working* huwa fattibbli, kemm għal entitajiet pubbliċi, kif ukoll għal dawk privati. Diversi mudelli jistgħu jiġu implimentati. Dawn it-tip ta' skemi jnaqqsu t-tniġġis, il-pressjoni fuq servizzi bħat-trasport pubbliku u jtejbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies. Għandna wkoll naraw kif jitnaqqsu s-sigħat tax-xoghol, filwaqt li d-dħul tal-ħaddiema ma jiġix mittiefes, biex intejbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies.

Spiss nisimgħu li hemm bżonn li niffokaw fuq setturi ekonomiċi partikolari. Ir-realtà hi li għandna bżonn firxa ta' setturi differenti, minn dawk ta' servizzi, manifattura, artiġġjanat, agrikoltura, servizzi kreattivi, kulturali u diġitali. Għandna nimmiraw għal firxa ta' setturi, bil-kundizzjoni li jirrispettaw l-benesseri tan-nies u l-limiti ekoloġiċi ta' pajjizna.

Konsiderazzjonijiet ta' sostenibbilità jeħtieg li jkunu ukoll parti integrali mid-deċiżjonijiet finanzjarji. L-iżvilupp tal-infrastruttura għandu jkun ta' prijorità: għandu jkun hemm emfasi fuq ir-riċerka u l-eko-innovazzjoni. L-iżvilupp tat-teknoloġija diġitali u tat-teknoloġija li tnaqqas l-impatti ambjentali jimxu id f'id, iggwidati mill-ħtiġijiet tas-soċjetà u mill-miri tal-komunità internazzjonali dwar l-iżvilupp sostenibbli.

Kif spjegat aktar 'il fuq, Malta ilha is-snin tinkoraġixxi l-evażjoni tat-taxxxa billi tħajjar kumpaniji jitfgħu l-ankri hawn biex jiffrankaw ammont konsiderevoli ta' taxxa: jħallsu b'rati baxxi hawn, flok rati ogħla li jitħallsu f'pajjiżhom. Bħala partit ilna is-snin ngħidu li dan juri nuqqas ta' etika fiskali u li għandu jieqaf. Konna qed nimxu fuq l-istess passi tal-partiti Ħodor fl-Ewropa li konsistentement insistew dwar il-ħtieġa ta' taxxa minima li tkun armonizzata mal-Ewropa kollha. Il-PLPN dejjem wieġbu li dak isir bid-dritt u bħala riżultat tas-sovranità fiskali.

Wara snin nabbużaw mis-sovranità fiskali u wara li l-Istati Uniti tal-Amerika ukoll bdiet titkellem fuq taxxa minima armonizzata, fl-aħħar il-Gvern Malti kellu jiġi f'sensieh u beda jaqbel mat-taxxa minima armonizzata. M'għandniex nistennew pressjoni minn Gvernijiet barranin biex nagħmlu dak li hu sewwa. Kien pass tajjeb li se nnaqqsu id-dipendenza fuq l-evażjoni tat-taxxa.

# Il-koperattivi



XKUPA ĦADRA TNADDAF

# Il-koperattivi

Il-mudell koperattiv, ibbażat fuq parteċipazzjoni demokratika tal-membri, huwa għodda importanti biex ikollna ekonomija iktar ġusta, fejn il-ġid jitqassam b'mod ġust, u fejn iċ-ċittadini jkunu protagonisti fil-ħolqien ta' dan il-ġid. Il-mudell koperattiv ta' negozju jista' jkun mod siewi ħafna biex Malta taffronta l-isfidi soċjali, ekonomiċi u ambjentali li qegħda tiffaċċja.

1. għadu jiġi ffaċilitat it-twaqqif ta' koperattivi mmexxija mill-komunità li jagħtu servizzi lill-komunità stess, u lill-kunsilli lokali. Dawn il-koperattivi għandhom ikunu għażla ppreferuta għax-xiri ta' servizzi fil-lokalità.

2. għandu jiġi ffaċilitat it-twaqqif ta' koperattivi tal-komunità fil-qasam tal-enerġija alternattiva u aspetti oħra ambjentali. Dawn jistgħu jipprovdu l-opportunità biex familji jkunu jistgħu jieħdu sehem f'investiment li jifilħu għalih, u jieħdu lura direttament il-benefiċċji tal-investiment tagħhom. Dan apparti l-aspett edukattiv, fejn il-parteċipazzjoni komunitarja tgħin biex titkattar aktar ħidma diretta li jkollha impatt ambjentali pożittiv.

3. għandu jiġi ffaċilitat it-twaqqif tal-koperattivi tad-djar f'Malta. Dan jgħin biex f'Malta jkun hawn *housing* iktar affordabbli u mhix skjav tal-ispekulazzjoni, filwaqt li r-residenti jingħataw l-opportunità li jkollhom rwol iktar attiv mill-aspett komunitarju. Dan barra vantaġġi oħra, fosthom pjanar aħjar tal-ispazji, u investiment f'miżuri li huma ta' vantaġġ għall-ambjent.

4. għandha tiġi emendata l-liġi tal-koperattivi biex jinħolqu opportunitajiet għal organizzazzjonijiet, bħal NGOs, li jiffurmaw koperattivi bejniehom. In-numru minimu ta' membri biex titwaqqaf koperattiva għandu jinżel minn ħamsa għal tlieta.

5. għandu jkun hemm inċentivi fiskali li bihom jiġu inċentivati negozjanti biex jiddeċiedu li jbiegħu n-negozju tagħhom lill-komunità, jew lill-ħaddiema li jaħdmu fl-istess attività kummerċjali.

# It-turiżmu



XKUPA ĦADRA TNADDAF

# It-turiżmu

It-turiżmu kien wieħed mis-setturi li l-iktar intlaqat bħala riżultat tal-pandemija COVID-19. Tul is-snin in-numri tat-turisti li ġew iżuruna żdied kull meta tjiebet il-konnettività: min-naħa l-oħra hekk kif il-konnettività naqset u eventwalment waqfet kompletament, ġara bil-maqlub.

Bil-mod qed terġa' tiġi stabilita l-konnettività li twassal biex it-turiżmu qed jirpilja bil-mod. It-tmexxija tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta kienet emfasizzat li jeħtieġ madwar sentejn biex il-wasla tal-passiġġiera tirkupra u naslu fejn konna qabel ma faqqgħet il-pandemija.

Jista' t-turiżmu qatt jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija?

Jeżistu stimi diversi dwar il-kontribut tat-turiżmu lejn l-ekonomija. Stima minnhom tipponta lejn kontribut dirett ta' 5 fil-mija tal-ekonomija. Imma, bħala riżultat tal-impatt fuq setturi oħra dan is-sehem jitla għal madwar 12 fil-mija. Barijiet, restoranti, ħwienet li jbiegħu bl-imnut, attivitajiet pubbliċi, l-industrija tad-divertiment u t-trasport (in partikolari l-kiri tal-karozzi) huma dipendenti fuq it-turiżmu. Setturi partikolari bħat-tagħlim tal-Ingliż u ċ-ċentri tal-għaddasa huma meqjusa bħala parti integrali mill-ekonomija turistika.

Intqal ħafna dwar l-impatt tal-pandemija fuq il-lukandi. Imma anke dawk li jipprovdu sodod turistiċi barra mil-lukandi ġarrew fuq spallejhom impatt sostanzjali avolja ftit li xejn issemmew fid-dibattitu konness mal-impatti tal-pandemija. Dan huwa settur li jinvolvi negozjanti żgħar u dawk li nirreferu għalihom bħala *micro-businesses* li kull wieħed minnhom jimpjega inqas minn għaxar persuni.

Jagħmel sens li l-Gvern, f'dan il-waqt, permezz tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, qiegħed jiffoka fuq li jġib lill-industrija tat-turiżmu lura fuq saqajha. Dan imma, mhux biżżejjed. Jeħtieġ li nibdew naħsbu dwar il-futur tal-industrija u dan billi neżaminaw fid-dettall dak li l-industrja teħtieġ li tiffaċċja fit-tul.

Fi tmiem is-sena 2019, ilħaqna in-numru ta' 2.8 miljun turista iżuruna. Il-punt hu jekk dawn in-numri humiex sostenibbli. Dan hu argument ta' dejjem li ilu għaddej sa minn meta n-numri kienu ferm iżgħar. Id-dibattitu kien, u għandu jibqa' jkun dwar jekk għandniex niffukaw iktar fuq il-kwalità milli fuq il-kwantità.

Il-miġja fostna tal-linji tal-ajru *low-cost* bħala parti essenzjali mill-politika tat-turiżmu illum tpoġġi emfasi ikbar fuq in-numri. Din hi għażla politika li saret u li teħtieġ li tkun eżaminata u analizzata fil-fond. L-impatti ekonomiċi għandhom jitqiesu fl-istess ħin mal-impatti ambjentali. Irridu niftakru kontinwament li t-turiżmu jiġġenera bosta impatti ambjentali.

Wasal iż-żmien li nirrealizzaw li d-dibattitu meħtieġ dwar il-futur tat-turiżmu jeħtieġ li jsir fl-isfond tal-Patt l-Aħdar: *The Green Deal.*

L-emissjonijiet tal-ajruplani ser ikollhom ikunu indirizzati fil-futur qarib. Jekk mhux ser jittieħdu passi immedjati dwar dawn l-emissjonijiet ser ikun ħafna iktar diffiċli, biex ma ngħidux impossibli, biex ikunu ndirizzati l-konklużjonijiet tas-Summit Klimatiku ta' Pariġi tal-2015. Summit li Malta ħarġet tiftaħar li kienet wieħed mill-ewwel pajjiżi li rratifikatu. Jekk nibqgħu ma nieħdux passi mhux biss it-turiżmu jaqla' daqqa kbira oħra imma tkun il-kwalità tal-ħajja tagħna lkoll li tieħu daqqa l-isfel.

Il-gżejjer Maltin, bħall-parti l-kbira tal-gżejjer imxerrda mal-ibħra, ikunu minn tal-ewwel biex jaqilgħu ġo fihom l-impatti tat-tibdil fil-klima. Il-kosta tkun effettwat bl-għoli tal-livell tal-baħar. Tajjeb li niftakru li l-infrastruttura tat-turiżmu qegħda kważi kollha mal-kosta! Iktar ma ninjoraw dan il-fatt bażiku ikbar tkun id-daqqa li naqilgħu.

L-industrija tat-turiżmu hi waħda fraġli. Kull xokk li l-industrija isofri jista' jwassal għal tnaqqis kbir fl-impjiegi f'din l-industrija. It-turiżmu għadu staġjonali u dan minnu innifsu jwassal għal kundizzjonijiet tax-xogħol ta' natura prekarja li mhumiex aċċettabbli. Hu għalhekk li bosta li spiċċaw bla xogħol wara li ġew mormija mill-industrija tat-turiżmu waqt il-pandemija ma jridux imorru lura.

Jeħtieġ li nippjanaw iżjed billi nħarsu 'l bogħod, fuq medda twila ta' żmien: naħsbu u nippjanaw sewwa dwar l-impatti soċjali, ambjentali u ekonomiċi ta' kull deċiżjoni. Dan wara kollox hu l-proċess li jwassal għal żvilupp sostenibbli. Hu l-unika mod kif nistgħu nassiguraw li l-impatti negattivi tal-industrija tat-turiżmu nistgħu nindirizzawhom illum qabel għada.

# Id-diġitalizzazzjoni



ADPD

XKUPA
ĦADRA
TNADDAF

# Id-diġitalizzazzjoni

Id-diġitalizazzjoni ġġib magħha opportunitajiet u sfidi.

L-isfidi għandna nilqgħulhom, filwaqt li naħtfu l-opportunitajiet.

L-isfidi fid-dinja diġitali jinkludu l-protezzjoni tal-privatezza, l-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli, l-kontroll eċċessiv mill-istat kif ukoll il-kontroll eċċessiv u bla regoli tad-dinja diġitali minn korporazzjonijiet multinazzjonali. Dawn qed jagħmlu profitti kbar — mingħajr ma jħallsu t-taxxi dovuti — billi jużaw data u informazzjoni li kkrea ħaddieħor — minn gazzetti u media houses lokali, sa kontenut u informazzjoni ta' kull user tal-internet.

L-aċċess għal servizzi pubbliċi online għandu jkompli jissaħħaħ. It-teknoloġija diġitali għandha tissupplimenta s-servizzi u mhux tnaqqas servizzi li essenzjalment isiru aħjar meta jkollok kuntatt dirett ma' esperti, professjonisti u ħaddiema tas-servizz pubbliku. Nisħqu li drittijiet diġitali jsiru parti mil-liġijiet tal-pajjiż, inkluż fil-Kostituzzjoni.

Huwa essenzjali li naħdmu ma' sħabna fuq livell tal-Unjoni Ewropea biex id-drittijiet u l-libertajiet tal-internet ikunu garantiti madwar ll-UE, u li l-UE tinfatam mid-dipendenza fuq kolossi tal-Istati Uniti — li jfisser li ħafna profitti u taxxi qed jispiċċaw joħorġu minn pajjiżi Ewropej u jispiċċaw f'ġurisdizzjonijiet *offshore*. Hemm ukoll ir-riskju li data ta' ċittadini tal-UE, inkluż tal-Maltin tintuża b'mod abbużiv għall-gwadann tal-ftit.

Kull persuna għandu jkollha d-dritt li tkun taf kif u fejn qed tintuża l-informazzjoni tagħha, u d-dritt li titlob li d-data personali tagħha titħassar.

Il-gvern minnufih għandu jiffinanzja bis-serjetà l-iżvilupp ta' għodda *opensource* bil-lingwa Maltija minn ċekjatur sa għodda oħra għal kitba u kontenut bil-Malti. Il-gvern u l-aġenziji tiegħu għandhom jużaw, jiffinanzjaw u jikkollaboraw ma' kumpaniji lokali biex kull fejn possibbli jużaw *software opensource*, u jiżviluppaw għodda diġitali *opensource*.

Is-servizzi diġitali u l-aċċess għall-internet għandhom ikunu parti mill-'basket' li jintuża biex tiġi iddeterminata l-għoli tal-ħajja, il-paga minima u anke Dħul Bażiku Universali.

Kull inċentiv fil-qasam diġitali għandu jkun immirat lejn negozji żgħar u medji. Prattiċi monopolistiċi ta' kumpaniji multinazzjonali m'għandhomx jiġu finanzjati, nkoraġġiti jew użati mis-servizz pubbliku. Kull investiment fis-settur diġitali għandu jkun aktar 'Ewropew' — biex jissaħħaħ u jikber is-settur fl-Unjoni Ewropea u f'Malta.

Is-sehem tat-teknoloġija fit-tranżizzjoni soċjo-ekoloġika hija essenzjali. L-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, it-tqassim u l-ippjanar tal-enerġija rinovabbli lejn 100% enerġija nadifa, u l-kreazzjoni ta' impjiegi li jrendu f'dan il-qasam jiddependi fuq investiment u r-riċerka fit-teknoloġija ħadra u d-diġitalizazzjoni tas-settur.

XKUPA ĦADRA TNADDAF

# Il-politika dwar il-klima




XKUPA
ĦADRA
TNADDAF

# Il-politika dwar il-klima

Il-'gwerra' politika bejn il-PL u l-PN fil-qasam tal-enerġija hija finta għax ma jindirizzawx l-emerġenza fil-qasam tal-bidla fil-klima u l-fatt li l-Unjoni Ewropea qed timxi lil' hinn mis-sorsi ta' enerġija li jniġġsu. Mhux vera li l-interconnectors li tant jiftaħru bihom ma jikkawżawx tniġġis. Lanqas m'huwa veru li l-enerġija mill-interconnectors hemm xi garanzija li din tkun irħisa. Lanqas ma jagħmel sens li niddependu totalment fuq enerġija li ġejja minn barra minn xtutna. Huwa importanti wkoll li ma nitilfux il-ħiliet neċessarji u x-xogħol fil-qasam tant importanti tal-enerġija.

Is-sovranità fil-qasam tal-enerġija hi kruċjali.

L-emmissjonijiet iridu jonqsu drastikament sal-2030 — b'ħafna aktar min-nofs, biex sal-2050, jekk aħjar qabel, ikollna soċjetà żero-karbonju. Dawn il-miri jistgħu jkunu wkoll opportunità ekonomika, ta' ħolqien ta' impjiegi f'oqsma teknoloġiċi ġodda u emerġenti, tnaqqis drastiku tad-dipendenza fuq fuels fossili li jtellfu t-tisħiħ ekonomiku u jnaqqsu l-kapital neċessarju għal infieq f'oqsma soċjali, u l-aktar importanti titjib fil-kwalità tal-ħajja. L-użu ta' enerġija 100% minn sorsi rinovabbli huwa possibbli.

Fost il-miżuri meħtieġa bla dewmien hemm li:

1. kull bini pubbliku, fabbrika u bini kummerċjali jkun użat għall-ġenerazzjoni tal-enerġija mix-xemx;
2. f'żoni industrijali għandu jkun hemm installazzjonijiet ta' mikro-turbini tar-riħ;
3. kull bini ġdid għandu jkun *carbon neutral* u jiġġenera l-enerġija kollha li jkollu bżonn.
4. moratorju fuq żidiet fl-għoli tal-bini biex ma jiġux affettwati l-użu ta' pannelli PV;
5. għandu jkun hemm skemi u qafas legali li jiffaċilita li sidien ta' appartamenti ikunu sidien bi sħab ta' pannelli PV fuq il-bejt tal-blokka tagħhom;
6. filwaqt li jista' jkun utli li barrieri jintużaw bħala *solar farms*, għandu jkun hemm regoli stretti li ma jiftħux tieqa għal żvilupp irriversibbli. Kull binja neċessarja — relatata strettament mal-ġenerazzjoni tal-elettriku, għandha tkun tat-tip pre-fabricated jew totalment riversibbli. L-art m'għandhiex tiġi ċementifikata, u *solar farms* m'għandhomx jintużaw bħala skuża għal bini ta' mħażen, u binjiet industrijali oħra;
7. is-*solar farms* m'għandhomx ikunu skuża biex neqirdu iktar raba', anke jekk tkun raba' li mhux qed tinħadem;
8. riċerka li diġa qed issir, kemm fuq enerġija mill-mewġ u anke minn pannelli PV fuq wiċċ il-baħar għandha tiġi sostnuta u msaħħa;
9. l-enerġija mir-riħ offshore aktar ma jmur aktar qed issir vijabbli — investiment fit-tul f'dal-qasam hu neċessarju għall-mira żero-karbonju sal-2050;
10. *feed-in tariffs*, sussidji u inċentivi għandhom ikunu fuq medda twila ta' żmien eżempju fuq 20 sena. Din iċ-ċertezza ta' sostenn pubbliku tas-settur tal-enerġija rinovabbli hija neċessarja għat-tisħiħ u firxa aktar malajr tat-teknoloġija ta' enerġija nadifa f'pajjiżna;
11. b'mod immedjat kull bini ġdid għandu jkollu sistema ta' *solar water heater*;
12. jiġi estratt il-metan kollu possibbli minn skart organiku, inkluż minn demel tal-irziezet u dan jintuża għall-ġenerazzjoni tal-elettriku;
13. il-Gvern għandu jimpenja ruħu li jixtri wkoll enerġija rinnovabbli mill-*interconnector* u jidħol fi ftehim mar-reġjun ġar tagħna Sqallija fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, biex kemm ikollna sorsi ta' enerġija nadifa, kif ukoll jiżdiedu l-impjiegi f'dal-qasam;
14. sistema nazzjonali u regolamenti li jigu inforzati li jesiġu li ż-żejt veġetali kollu possibbli jinġabar u jiġi trasformat f'bijodiesel għall-ġenerazzjoni tal-enerġija fl-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku;
15. kull kumpanija kbira, inkluż il-banek, kumpaniji tal-assigurazzjoni u tas-servizzi finanzjarji jkunu obbligati li juru kif bi ħsiebhom ibiddlu l-operat tagħhom biex tintlaħaq il-mira li jsiru żero-karbonju qabel l-2050;

16. b'mod immedjat kull għajnuna li tingħata lill-kumpaniji għandha tkun marbuta, flimkien ma' obbligu għal bidla fl-operat biex isir operat li ma' jagħmilx ħsara lill-klima, ma' impenn ċar biex jitnaqqsu s-sensji, jiżgura ħlas indaqs għan-nisa u l-irġiel għall-istess xogħol, u jiffoka fuq taħriġ mill-ġdid biex issir tranżizzjoni lejn xogħol u ekonomija ħadra u ċirkolari, kif ukoll biex jinqered ix-xogħol prekarju.

Il-miżuri u l-proposti tagħna jinvolvu investiment f'bidla ekonomika, kif ukoll f'oqsma ġodda li jassorbu ħaddiema f'oqsma li bil-bidla ekonomika jimxu minn settur għal ieħor, jew inkella jitħarrġu f'prattiċi ġodda. Ix-xogħol għandu jkun xogħol dinjituż u jrendi għajxien diċenti. Ma nistgħux nitilfu l-opportunità u nerġgħu lura għal li konna: għal tniġġis tal-arja, żoni urbani li ma jilqgħux in-nies, konġestjoni fit-toroq, xogħol prekarju, min iħammeġ u jniġġes jibqa' jagħmel li jrid, u l-bqija nbatu l-konsegwenzi. Lanqas ma' nistgħu nagħlqu għajnejna għall-ħsara l-kbira, l-faqar, id-diżastri ekoloġiċi u l-problemi li qed iġġib magħha l-bidla fil-klima.

Min iġib skużi biex ma jsirx l-investiment li hemm bżonn, u biex min iħammeġ iħallas u fl-aħħar mill-aħħar inaqqas it-tniġġis, inkluż tal-karbonju huwa irresponsabbli. M'hemmx aktar fejn taħrab. Il-miri dwar il-bidla fil-klima ta' Malta m'għandhomx jibqgħu l-minimu possibbli, u ħafna drabi lanqas il-minimu m'huwa qed isir. Irridu nimxu lejn normali ġdid. Il-mudell ekonomiku, il-mod kif ngħixu u s-soċjetà tagħna għandha tkun ibbażata fuq ir-rispett lejn in-natura, id-dinja u fl-aħħar mill-aħħar ir-rispett lejna nfusna u lejn xulxin.

# It-trasport



# It-trasport

Hi sfortuna li tul is-snin ħallejna ħajjitna tkun iddominata mill-karozzi.

M'għandniex bżonn iktar toroq. Imma għandna bżonn inqas karozzi fit-toroq li għandna. Tnaqqis ta' karozzi mit-toroq jwassal għal tnaqqis fil-konġestjoni tat-traffiku u titjib fil-kwalità tal-ħajja, inkluż iktar sigurtà fit-toroq tagħna għal kulħadd.

It-toroq tagħna mballati bil-karozzi. Għal din ir-raġuni l-Gvern kien qabbad esperti bex jistudjaw il-problema. Bħala riżultat ta' dan, bl-għajnuna ta' fondi għall-iżvilupp reġjonali tal-Unjoni Ewropea tfassal Pjan Nazzjonali għat-Trasport (*Masterplan*) minn konsulenti barranin. Il-Kabinett approva dan il-pjan fl-2016, imma kontinwament qiegħed jonqos milli jassigura li dan ikun implimentat.

Waħda mill-osservazzjonijiet bażiċi ta' dan il-Pjan Nazzjonali għat-trasport hi li nofs il-vjaġġi bil-karozzi privati jdumu inqas minn 15-il minuta, jiġifieri huma vjaġġi għal distanzi qosra. Bla ebda dubju hemm bosta mezzi sostenibbli li jservu għal mobilità alternattiva: il-karozzi privati bla ebda dubju nistgħu ngħaddu mingħajrhom għal dawn id-distanzi qosra, fil-parti l-kbira tal-każi.

Il-Pjan Nazzjonali għat-Trasport iwissina dwar in-nuqqas f'Malta tal-ippjanar għat-trasport. Bħala konsegwenza ta' dan ftit li xejn jeżistu miri ċari. Il-Maltin huma konservattivi wisq, jgħid il-pjan u dan f'kuntrast mal-ħtieġa għal azzjoni fil-komunità biex tkun indirizzata l-problema tat-traffiku, kemm kif inhi illum kif ukoll kif għad tista' tiżviluppa. Dan, ikompli jgħid il-pjan tat-trasport approvat mill-Kabinett, iwassal biex is-sewwieq Malti jippretendi li kulħadd għandu jaddatta l-mod kif jivvjaġġa biex hu jkun jista' jibqa' jsuq il-karozza tiegħu!

Il-politika dwar it-trasport ma jistax ikun li tibqa' ippjanata biċċa biċċa, mil-lum għal għada. Jeħtieġ ippjanjar olistiku. Dan hu l-iskop li sar dan il-*Masterplan*: biex ikollna pjan olistiku u nibdew inħarsu fit-tul. Biex pjan bħal dan ikun implimentat, imma, hemm bżonn deċiżjonijiet ibsin li għandhom iwasslu għal tnaqqis fin-numru esaġerat ta' karozzi privati li hawn fit-toroq tagħna.

Il-problema reali li qed iżżomm l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan hi li l-Gvern m'għandux il-kuraġġ li jieħu dawn id-deċiżjonijiet. Ma jridx jirfes kallijiet!

Irridu nifhmu darba għal dejjem li ċ-ċokon ta' pajjiżna jagħmilha possibbli li permezz ta' transport pubbliku organizzat sewwa nilħqu kull rokna tal-pajjiż f'ħin qasir.

It-trasport pubbliku f'Malta għamel progress f'dawn l-aħħar snin, imma dan mhux biżżejjed. Għax it-trasport pubbliku ma jistax jikkompeti ma' Gvern li kontinwament jinkoraġixxi l-użu tal-karozza privata b'toroq ġodda u *flyovers* li flok jirrestrinġu ż-żieda tat-traffiku fit-toroq tagħna jagħmluh iktar faċli.

Għal żmien twil, Gvern wara l-ieħor kien skjav tal-karozza. Il-politika tat-trasport kienet u għada politika favur il-karozzi li jikkundizzjonawlna ħajjitna. Hu dan li għandu jinbidel.

Jeħtieġ li l-politika tat-trasport tpoġġi lin-nies l-ewwel, qabel il-karozzi.

It-*teleworking* li waqt il-pandemija tal-COVID-19 sar utilizzat ferm iktar fuq diversi positijiet tax-xogħol ħalla effett posittiv għax naqqas in-numru ta' karozzi mit-toroq. Hu ċar li dan hu ta' benefiċċju ambjentali u għandu għaldaqstant ikun inkoraġġit kull fejn possibli.

Għandna nibdew billi noffru alternattivi vera u immedjati billi:

1. isir aktar faċli li tuża r-roti u roti elettriċi permezz ta' *bicycle superhighways* tul it-toroq ewlenin, u prijorità lir-roti f'żoni urbani. Tal-inqas fi ftit snin kemm l-MCAST, l-Università, l-*Junior College* u l-*Higher Secondary* għandhom ikunu konnessi permezz ta' rotot sikuri mal-lokalitajiet tal-madwar, b'parkeġġ adegwat għar-roti. L-użu tal-*iscooters* għandu jkun inkorraġġit u mhux isiru regoli redikoli li jipproteġu lill-karozzi. Għandu jkun hemm skema b'saħħitha ta' għotjiet u self bla interessi għax-xiri ta' roti, roti elettriċi u *scooters*;

2. investiment f'pedestrijanizazzjoni li tneħħi l-karozzi minn żoni mniġġsa;

3. il-vetturi tat-trasport pubbliku għandhom jaħdmu kollha bl-elettriku;

4. il-vetturi kbar kollha iridu jkunu jużaw metan, bijoalkoħol jew bijodiesel sas-sena 2030, u eventwalment jeqilbu għall-elettriku;

5. il-vetturi żgħar għall-bejgħ iridu jkunu kollha elettriċi sas-sena 2030;

6. kumpaniji miġbura f'żoni partikolari, bħal żoni industrijali u żoni ta' konċentrazzjoni ta' uffiċċji jridu jew jipprovdu trasport għall-impjegati tagħhom jew jikkontrobwixxu għal trasport pubbliku lejn il-postijiet tax-xogħol;

7. skemi komuni ta' tqassim ta' prodotti fil-ħwienet għandhom iżidu l-effiċjenza u jnaqqsu t-traffiku fit-toroq;

8. mezzi differenti ta' trasport pubbliku, li jużaw sorsi nodfa ta' enerġija, minflok infieq f'toroq ġodda li jżidu t-tniġġis, il-konġestjoni u t-traffiku;

9. għandha ssir b'mod immedjat sistema ta' prijorità għal tal-linja — bus corridors — kif spjegat fil-Masterplan tat-trasport. Għandha ssir sistema ta' *bus rapid transit* (BRT) kemm jista' jkun fl-ispazju eżistenti. Jekk ikun hemm bżonn għandha ssir sistema hybrid ta' tramm-metro — fuq l-art, fit-toroq eżistenti, bl-inqas tħaffir possibbli f'mhux iżjed minn seba' snin fiż-żoni l-aktar popolati tal-pajjiż;

10. sistemi ta' *controlled vehicle access* għandhom jissaħħu. Huwa ta' għajb li dis-sistema li teżisti fil-Belt Valletta ġiet żarmata tant li hija redikola.

# L-ambjent



# L-ambjent

Il-politika ambjentali hi mnebbħa mill-fatt li aħna, bħala bnedmin, nifformaw parti minn ekosistema. Ma nistgħux ngħixu mingħajr is-servizzi li tipprovdilna n-natura. Għandna l-obbligu li dawn nużawhom bir-reqqa mhux biss fl-interess tagħna illum imma iktar fl-interess tal-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

Hu fuq dan li tinbena politika ambjentali li tagħmel sens. Għax il-politika ambjentali għandha tkun ferm iktar minn strument biex issewwi l-ħsara li diġa saret. Iktar għandha tkun mezz biex ikun assigurat li fil-mod kif inġibu ruħna nevitaw il-ħsara illum.

Sfortunatament, iżda, l-ħsara issir kontinwament għax il-Gvernijiet fittxew li jinqdew il-ħtiġijiet tal-lum mingħajr wisq każ li dan kollu, ħafna drabi, għandu impatt drastiku fuq għada.

Fil-lingwaġġ popolari lokali l-ambjent hu iktar assoċjat mal-iżvilupp tal-art u mal-kaċċa u l-insib. Filwaqt li hu veru li dawn l-oqsma assumew sinifikat sproporzjonat fil-politika ambjentali lokali, din hi u għandha tkun ferm iktar wiesgħa minn hekk. Tul dawn l-aħħar snin kiber l-interess u żdiedet il-ħidma f'diveri oqsma ambjentali, prinċipalment biex ikunu onorati obbligi tas-sħubija tagħna fl-Unjoni Ewropea.

Aħna diġà ipproponejna lill-Konvenzjoni Kostituzzjonali li l-prinċipji ambjentali li hemm fit-tieni kapitlu tal-Kostituzzjoni ma jkunux biss dikjarazzjoni fuq il-karta li jservu bħala linja gwida għall-ħidma tal-Gvern. Għandu jkun possibli li fejn meħtieġ kull ċittadin li jidhirlu hekk meħtieg jitlob il-protezzjoni tal-Qrati biex il-Gvern jaġixxi f'oqsma ambjentali li dwarhom ikun qed ikaxkar saqajh, inkella ma jkun qed jagħmel xejn, inkella ma jkunx qed jagħmel biżżejjed. Hekk ġara fir-Renju Unit u fl-Olanda biex ikunu mċaqilqa gvernijiet ħalli jaġixxu dwar il-kwalità tal-arja u dwar il-bidla fil-klima.

Miżura bħal din isaħħaħ l-istatus tal-għaqdiet ambjentali u tas-soċjetà ċivili bid-dritt li dawn jintervjenu quddiem il-qrati Maltin, u jekk meħtieg dawk Ewropej, għal dan l-iskop. L-għaqdiet ambjentali għandhom jingħataw għajnuna finanzjarja mill-istat biex ikun jistgħu jwettqu aħjar l-obbligi tagħhom.

# Id-dritt ta' aċċess għall-kampanja



XKUPA ĦADRA TNADDAF

# Id-dritt ta' aċċess għall-kampanja

Id-dritt ta' aċċess għall-kampanja għandu jkun iffaċilitat. Għandha tiġi pubblikata l-mappa definittiva tal-passaġġi pubbliċi kollha. Għandu jkun assigurat li l-passaġġi kollha tradizzjonali jkunu miftuħin u aċċessibli għal kulħadd. Dan hu dritt tal-pubbliku.

L-ebda passaġġ ma għandu jiġi ostakolat minn grada sakemm ma jkunx hemm prova li l-art hi privata.

Il-passaġġi fuq artijiet pubbliċi li jiġu imqabblin lill-bdiewa għandhom jitħallew miftuħin għall-pubbliku.

Għandha tinħoloq aġenzija nazzjonali sabiex timmaniġġja ir-rotot tal-mixi (*trails*) eżistenti u timplimenta dawk li ġew pjanifikati fil-pjanijiet lokali.

Għandha tinħoloq l-ewwel Rotta tal-Mixi Nazzjonali f'Malta (*National Trail*) tul il-Victoria Lines.

# L-użu tal-art u l-baħar



XKUPA ĦADRA TNADDAF

# L-użu tal-art u l-baħar

L-art f'Malta, tul is-snin ma ġietx użata tajjeb. Ġiet żviluppata wisq art. Għandna l-obbligu li naraw li dan ma jibqax isir.

L-impatt dirett ta' dan kollu kien li Malta, u sa ċertu punt anke Għawdex, illum il-ġurnata saret massa waħda u kontinwa ta' bini. Ittiekel ħafna raba' u ġew eliminati bosta spazji miftuħa u ġonna. Kontinwament nisimgħu b'applikazzjonijiet għal żvilupp fl-ibliet u l-irħula tagħna li qed jelimnaw darba għal dejjem ġonna kbar u mdaqqsa. Dawn kienu jsebbħu d-djar li kienu jiffurmaw parti minnhom. Kienu ukoll iservu ta' pulmun għall-irħula u l-ibliet tagħna. Imma issa bosta minnhom inqerdu għalkollox u saru blokki tal-konkos.

Li nipprovdu spazji miftuħa aċċessibli għal kulħadd hu tajjeb. Dan irid isir bil-għaqal biex ikunu evitati l-iżbalji akkumulati tul is-snin. Għandna bżonn spazji pubbliċi nieqsa mit-tniġġis, b'aċċess ħieles għal arja nadifa. Dan jista' jsir fil-kuntest ta' pjan olistiku dwar id-dikarbonizazzjoni tat-trasport. Pjan li jekk isir bil-għaqal jista' jwassal għal tnaqqis fin-numru ta' karozzi mit-toroq tagħna u allura jkun jista' jiffaċilita li l-ispazju pubbliku li illum tuża' l-karozza jkun spazju pubbliku għan-nies. It-toroq jeħtieġ li neħduhom lura.

Il-pjani lokali li kienu approvati 15-il sena ilu jeħtieġu li jkunu aġġornati b'mod regolari. F'ħafna każi jeħtieġ li jkunu mfassla mill-ġdid. Fuq kollox huwa essenzjali li jitħassar il-pjan ta' razzjonalizzazzjoni li kien approvat fl-2006 u li permezz tiegħu madwar żewġ miljun metru kwadru ta' art kienet saret tajba għall-iżvilupp. Għad hemm partijiet sostanzjali minn din l-art li għadha mhix mittiefsa u s'issa għadu possibli li din tkun protetta. Dan ilna ngħiduh f'kull manifest elettorali mill-2006. Ser nibqgħu ngħiduh sakemm ikun għad baqa' imqar l-aħħar metru kwadru ta' art li għad tista' tkun salvata minn żvilupp mhux meħtieġ.

Jeħtieġ li nifhmu li kemm minħabba ċ-ċokon tal-pajjiż kif ukoll minħabba l-iżvilupp kultant massiċċ li sar tul is-snin mhux possibli li nippermettu kull tip ta' żvilupp. It-trakka proposta għat-tlielaq tal-karozzi, per eżempju, m'hawn imkien f'Malta fejn tista' issir u dan kemm minħabba t-tniġġis akustiku kif ukoll minħabba impatti fuq l-ekoloġija.

Bħalissa l-proposta hi għal trakka tat-tlielaq għal karozzi f'Ħal Far b'impatti konsiderevoli fuq Birżebbuġa u l-irħula fil-madwar, b'mod partikolari Ħal Kirkop u Ħal Safi. Il-kwalità tal-ħajja ta' dawn ir-residenti teħtieġ li tkun protetta ukoll. Aħna l-unika partit politiku f'Malta li tkellimna u se nibqgħu nitkellmu dwar dan.

Neħtieġu ukoll li nipproteġu Manoel Island u l-Forti Manoel, li, l-Parlament, snin ilu, bil-qbil unanimu tal-PLPN għadda lis-settur privat għall-iżvilupp. Dawn għandhom jirritornaw lura bħala propjetà pubblika għat-tgawdija tal-poplu Malti bħala spazju miftuħ bla żvilupp.

L-Awtorità tat-Trasport tat bidu għall-proċess li jista' jwassal għall-iżvilupp tal-Bajja ta' Wied il-Għajn f'*yacht marina*. Il-ħsieb għadu fil-bidu imma huwa ibbażat fuq dak li jipprovdi l-Pjan Lokali għan-Nofsinnhar. Issa, b'mod opportunistiku u partiġġjan, waqt din il-kampanja elettorali, l-Gvern ħabbar li dan il-proċess issa twaqqaf u li l-marina mhux se ssir. Irridu nibqgħu viġilanti għax ma hemm xejn x'iżomm li dan l-proġett jerġa' jirxoxta wara l-elezzjoni.

Il-Pjani Lokali huma difettużi u dan billi meta saru ma sarux sewwa. B'mod partikolari, dakinnhar li saru ma ġiex analizzat l-impatt kumulattiv tal-iżvilupp propost: impatt fuq in-nies, fuq il-lokalitajiet kif ukoll fuq l-ekoloġija. Li dan sar kif meħtieġ diversi proposti li fih kien ikollhom jinbidlu jew jitneħħew. Il-*yacht marina* fil-Bajja ta' Wied il-Għajn hi waħda minn dawn il-proposti li l-impatt tagħhom hu wieħed sproporzjonat u li għaldaqstant mhumiex aċċettabbli li jsiru.

L-istess jgħodd għall-bajja tal-Balluta, il-Bajja tax-Xemxija u bajjiet oħrajn li jintużaw għall-għawm u r-rikrejazzjoni marittima. Dawn għandhom jinżammu ħielsa mill-iżvilupp mhux meħtieġ. Għandhom jinżammu 'l bogħod mill-kummerċjalizzazzjoni.

# ODZ:
# barra miż-żona ta' żvilupp



XKUPA
ĦADRA
TNADDAF

# ODZ: barra miż-żona ta' żvilupp

Il-linja bejn fejn jista' jsir żvilupp u fejn dan ma jistax isir hi waħda sensittiva. B'mod ġenerali tifred iż-żona urbana minn dik agrikola. Hi ż-żona li għax mhiex żviluppata titqies minn uħud li għandha potenzjal enormi.

Sfortunatament il-liġijiet u l-*policies* kurrenti ma jipproteġux biżżejjed l-ODZ, barra miż-żona ta' żvilupp. Kif ippoponejna fil-Manifesti tal-2013 u l-2017 qed nerġgħu nipproponu saff ieħor ta' protezzjoni tal-ODZ billi jkunu l-Kunsilli Lokali, u permezz tagħhom ir-residenti ta' kull lokalità, li jkollhom rwol determinanti fid-difiża tal-ftit spazji miftuħa li baqgħalna.

L-impenn għall-ħarsien ambjentali jissaħħah u għandu jingħata poter effettiv lill-Kunsilli Lokali biex direttament inkella permezz ta' referenda lokali organizzati minnhom ikunu jistgħu jwaqqfu proġetti barra miż-żona tal-iżvilupp sakemm dawn ma jkunux proġetti ta' ħtieġa nazzjonali li jkollhom l-approvazzjoni tal-Parlament. Dan hu ukoll mod prattiku kif ikun applikat il-prinċipju tas-sussidjarjetà u dan billi l-poter deċiżjonali jkun mill-iktar viċin ta' dawk milquta mill-effetti tiegħu.

# Irridu l-bankina lura



XKUPA
ĦADRA
TNADDAF

# Irridu l-bankina lura

Art pubblika qed tittieħed minn stabilimenti tal-ikel u x-xorb biex tkun estiża l-attività kummerċjali tagħhom fuq il-bankina u fit-triq u dan bil-konsegwenza ta' diversi problemi għar-residenti u l-komunitajiet tagħna madwar Malta u Għawdex.

Xi żmien ilu l-Awtorità tal-Artijiet kienet irrifjutat applikazzjoni simili fix-Xatt il-Gżira. F'dak il-każ partikolari appell ta' lukanda minn deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet biex flok spazji għall-parkeġġ tal-karozzi fi triq ewlenija jitqiegħed platform u fuqu imwejjed u siġġijiet kien irrifjutat. It-talba biex jitqegħdu l-imwejjed u s-siġġijiet kienet irrifjutata minħabba li kienu ser jonqsu żewġ spazji għal parkeġġ kif ukoll minħabba tħassib dwar sigurtà tan-nies.

Minkejja din id-deċiżjoni li ttieħdet numru ta' snin ilu mit-Tribunal Amministrattiv jidher li l-Awtorità tal-Ippjanar għadha marbuta mal-interessi tan-negożji u ftit ittieħdu deċiżjonijiet oħra bħalha.

Ikun floku li niftakru li d-dokument bil-politika tal-ippjanar dwar it-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet fi spazji pubbliċi kien imfassal minn kumitat inter-ministerjall li speċifikament kien eskluda l-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tal-lokalitajiet tagħna. L-interessi tal-lokalitajiet, kemm dawk tar-residenti kif ukoll dawk tal-Kunsilli Lokali kienu kompletament injorati.

F'kull parti tal-pajjiż il-Kunsilli Lokali huma rrabjati dwar kif dawn ir-regoli speċifiċi tal-ippjanar ġew imfassla, approvati u implimentati b'mod li jpoġġu lin-negożju u l-flus qabel in-nies.

Ipprova imxi fuq il-bankina fix-xatt bejn il-Gżira u tas-Sliema u ibqa' għaddej max-Xatt ta' Tigné. Tkun mixja diffiċli minħabba li n-negozji għamlu l-bankina tagħhom (bil-barka tal-awtoritajiet) u dak li hu tal-pubbliku ikkapparrawh: mhux biss il-bankina imma ukoll kważi kull spazju għall-parkeġġ. Li tipprova timxi fuq il-ftit spazju li ħallew hi diffiċli ħafna għal kulħadd imma l-iktar għar-residenti li joqgħodu fl-appartamenti fis-sulari ta' fuq dawn in-negozji. Jiffaċċjaw kull xorta ta' diffikultà mill-ħruġ tal-iskart, li bilkemm ħallewlhom fejn dan jitpoġġa kif ukoll anke diffikulta biex idaħħlu fi djarhom għamara ta' kull xorta.

Dan hu r-riżultat tal-politika tal-Gvern tal-lum li tpoġġi l-interessi tan-negożju qabel l-interessi tan-nies: politika *business-friendly*. Infrastruttura sigura u aċċessibli għan-nies hi kontinwament mogħtija l-ġemb kemm mill-Gvern kif ukoll mill-awtoritajiet pubbliċi. L-Ippjanar għall-użu tal-art hu għan-nies. Sfortunatment dan ġie trasformat f'magna li tiffaċilita l-qliegħ tal-flus.

Ilna ngħidu li wasal iż-żmien li l-Awtorità tal-Ippjanar teħtieġ li tiġi f'sensiha. Kull żvilupp konness mal-ispazji pubbliċi fil-lokalitajiet tagħna għandu jsir biss kemm-il darba jkun hemm il-kunsens tal-Kunsilli Lokali tagħna. L-art pubblika għandha isservi l-ħtiġijiet tan-nies qabel dawk tan-negozji. Politika *people-friendly*, mhux *business-friendly*.

# Il-bordijiet
# li jieħdu d-deċiżjonijiet



ADPD

XKUPA
ĦADRA
TNADDAF

# Il-bordijiet li jieħdu d-deċiżjonijiet

Hemm diversi bordijiet li għandhom poter deċiżjonali dwar l-art, u dwar l-użu u/jew l-iżvilupp tagħha. Ewlenin fosthom hemm l-Awtorità tal-Ippjanar, l-Awtorità dwar l-Artijiet u l-Awtorità dwar l-Ambjent u r-Riżorsi.

L-iskrutinju Parlamentari qabel ma jinħatru l-membri ta' dawn il-bordijiet għandu jkun applikabbli għall-membri kollha tal-bord. F'kull każ hemm bżonn li l-liġijiet relevanti jipprovdu għal rappreżentanza xierqa tas-soċjetà ċivili liema rappreżentanza għandha tintagħżel mis-soċjetà ċivili nnifisha u mhux, kif qed isir illum, tkun soġġetta għall-iskrutinju politiku tal-Ministru.

Kuntrarju għal dak li jsir sal-lum m'għandux ikun hemm rappreżentanza tal-partiti politiċi fil-Parlament fuq dawn il-bordijiet deċiżjonali. Dan mhux qed ngħiduh illum l-ewwel darba. Għidnieh diġa kemm fil-manifest tal-elezzjoni tal-2013 kif ukoll fil-manifest tal-elezzjoni tal-2017.

Il-partiti politiċi m'għandhomx ikunu involuti fid-deċiżjonijiet individwali li jittieħdu minn dawn l-awtoritajiet. Għandhom iżda permezz ta' kumitati permanenti tal-Parlament jissorveljaw b'mod kontinwu l-ħidma ta' dawn l-awtoritiajiet b'mod distakkat. Għandhom jirrappurtaw kontinwament lill-Parlament dwar il-konklużjonijiet tagħhom bi proposti ta' azzjoni fejn meħtieġ.

Għandu jkun hemm regoli ċari dwar l-imġiba tal-membri fuq dawn il-bordijiet deċiżjonali. Dawn għandhom jinkludu reġistru dwar l-assi u l-ġid li jippossjedu l-membri kollha ta' dawn il-bordijiet.

Ħadd m'għandu jinħatar bħala membru ta' dawn il-bordijiet għal perjodi fit-tul.

# L-iżvilupp sostenibbli



# L-iżvilupp sostenibbli

Il-politika dwar l-iżvilupp sostenibbli tirrikjedi sensittività dwar l-impatt tad-deċiżjonijiet tal-lum fuq il-ġenerazzjonijiet ta' għada. Tirrikjedi mhux biss viżjoni fit-tul iżda impenn biex lill-ġenerazzjonijiet ta' għada jitħallielhom l-ispazju biex huma ukoll ikun possibli għalihom li jieħdu id-deċiżjonijiet tagħhom.

F'dan il-kuntest għandu rwol importanti l-Gwardjan għall-Ġenerazzjonijiet Futuri li minkejja li saret liġi dwaru u dwar ħidmietu għaxar snin ilu ftit li xejn instema' aħbaru tul is-snin. Hemm bżonn li l-Gwardjan għall-Ġenerazzjonijiet Futuri jkollu l-ħila li jgħarbel u jifli l-ħidma tal-Gvern.

It-terminu 'żvilupp sostenibbli' huwa l-iktar wieħed mit-termini fid-dizzjunarju politiku li huma użati ħazin. Il-lingwaġġ politiku użat kważi qatt ma jasal biex ifisser u jispjega li l-politika dwar l-iżvilupp sostenibbli hi politika li tħares fit-tul: li kontinwament, huma u jittieħdu d-deċiżjonijiet, dawn jagħtu każ tal-ġenerazzjonijiet futuri.

Il-gvernijiet ma jagħtux importanza biżżejjed lill-iżvilupp sostenibbli għax din mhix biss dwar illum imma hi ukoll dwar għada. Hi dwar kif il-ħidma tal-lum teħtieġ li issir b'mod li ma jkunx ippreġudikat għada u l-ġenerazzjonijiet futuri.

Il-politika dwar l-iżvilupp sostenibbli mhix biss dwar l-ambjent: hi dwar kif inħarsu b'mod integrat lejn il-politika ambjentali, ekonomika, soċjali u kulturali. Tfisser li l-ħidma tagħna jeħtieġ li tħares fit-tul u li simultanjament trid tkun kompatibbli man-natura, mal-ekonomija, mal-iżvilupp uman u mal-kultura tagħna.

L-iżvilupp sostenibbli hu dwar kif nistgħu f'kull ħin inkunu f'armonija ma dak li aħna mdawrin bih. Il-ħin kollu, u mhux biss meta jaqbel. Tirrikjedi s-sinkronizzazzjoni tal-politika kulturali, soċjali, ambjentali u ekonomika. Għax il-ħarsien tad-dinjità umana, l-apprezzament tal-wirt kulturali u l-ħarsien ambjentali huma essenzjali daqs l-iżvilupp ekonomiku.

Fil-qafas globali kif ukoll Ewropew, il-politika dwar l-iżvilupp sostenibbli tfisser ukoll l-implimentazzjoni tal-miri dwar l-iżvilupp sostenibbli approvati mill-Ġnus Magħquda: 17-il mira imfissra f'169 oġġettiv. Din hi l-Aġenda Globali 2030 li dwarha l-Unjoni Ewropea ħadmet ħafna biex tkun maqbula mill-komunità internazzjonali. Filwaqt li l-Aġenda 2030 hi importanti kollha kemm hi, partijiet minnha għandhom importanza ikbar għalina f'Malta.

Ħu, per eżempju, l-immaniġjar tal-ilma. Hu essenzjali li nifhmu li huwa meħtieġ li r-riżorsa tal-ilma nieħdu ħsiebha sewwa u li l-użu li nagħmlu minnha jkun wieħed sostenibbli. Sfortunatament, sal-lum, l-immaniġjar tal-ilma f'Malta huwa ikkaratterizzat minn doża mhux żgħira ta' inkompetenza. Hemm aċċess kważi bla kontroll għall-ilma tal-pjan filwaqt li kwantità kbira ta' ilma tax-xita jintrema l-baħar: kemm direttament permezz tal-mini li tħaffru għal dan l-iskop kif ukoll permezz tas-sistema tad-drenaġġ. Ir-regoli dwar il-ġbir u l-ħażna tal-ilma tax-xita applikati mill-awtoritajiet għal bini u żvilupp ġdid ħafna drabi mhux osservati. L-awtoritajiet ftit li xejn jagħtu każ.

Il-politika dwar it-transport hi qasam ieħor fejn l-ippjanar li ma jħarisx fit-tul jeħtieġ li jkun sostitwit billi tkun applikata l-politika ta' żvilupp sostenibbli. Il-Pjan Nazzjonali tat-Trasport, li jibqa' fis-seħħ sal-2025, jiġbdilna l-attenzjoni li nofs il-vjaġġi li nagħmlu bil-karozzi privati jdumu inqas minn kwarta. Dan jindika li inizjattivi biex ikun imrażżan it-traffiku fuq livell lokali u reġjonali jista' jindirizza b'mod effettiv il-konġestjoni tat-traffiku fit-toroq tagħna bil-vantaġġ doppju ta' titjib fil-kwalità tal-arja fejn din hi l-iktar meħtieġa. Imma minflok ma nagħmlu dan inberbqu l-miljuni fi proġetti ta' infrastruttura li ma hemmx bżonnhom.

L-affarijiet huma agħar fil-qasam tal-ippjanar għall-użu tal-art. Gvernijiet suċċessivi wrew li ma kinux kapaċi jrażżnu l-iżvilupp esaġerat. B'wiċċ ta' qdusija artifiċjali t-tmexxija politika tal-pajjiż tiddeskrivi lilha nnifisha bħal ħbieb tan-negozji (*business friendly*) inkella, kif smajna ħbieb tas-suq (*market friendly*) u dan biex jippruvaw jiġġustifikaw in-nuqqas ta' azzjoni adegwata. Qalulna li l-industrija tal-bini tant ħolqot impjiegi li qed tikkontribwixxi b'mod effettiv għal titjib fil-kwalità tal-ħajja.

Imma, kif bla dubju nafu lkoll, l-industrija tal-kostruzzjoni kienet fuq quddiem nett tkattar il-ħsara lill-pajjiż permezz ta' żvilupp esaġerat bil-pretensjoni li l-ħsara ambjentali ikkawżata minnhom nagħmlu tajjeb għaliha aħna, l-bqija. Sfortunatament, ġew mgħejjuna minn gvernijiet suċċessivi li kontinwament fittxew kif jagħmluhielhom iktar faċli biex igawdu l-frott ta' ħidmiethom. L-ippjanar tal-użu tal-art kif ipprattikat f'pajjiżna mhux sostenibbli u iktar ma jkun imrażżan malajr, ikun aħjar għal kulħadd.

In-nuqqas tal-politika għall-iżvilupp sostenibbli tinħass prattikament fl-oqsma kollha. Jeħtieġ li illum qabel għada nħarsu fit-tul f'kull deċiżjoni li tittieħed. Kien pass tajjeb, pass 'il quddiem li r-responsabbilta politika għall-iżvilupp sostenibbli marret lura f'Kastilja, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Imma dan għandu jkun biss l-ewwel pass. Il-bidu, segwit minn hafna iktar passi.

# L-ilma



XKUPA
ĦADRA
TNADDAF

# L-ilma

L-ilma jeħtieġ li nibżgħu għalih għax in-natura tagħtihulna bil-qies. Il-bidla fil-klima qed tibdel anke l-mod kif tagħmel ix-xita. Ġieli xita qliel li tħarbat u tagħmel il-ħsara u mbagħad ikollna perjodu twil bla qatra.

Tul is-snin il-proċess tal-produzzjoni tal-ilma tax-xorb mill-ilma baħar tjieb u qed isir b'mod iktar effiċjenti, għax hu proċess li jikkonsma ammont mhux żgħir ta' enerġija.

L-ilma tal-pjan biż-żmien naqas sostanzjalment u f'ħafna inħawi hu kontaminat bil-kimiċi li jintużaw fl-agrikoltura. Din il-ħsara tieħu ż-żmien biex titranġa.

Hemm ħtieġa li naħżnu iktar l-ilma tax-xita. Qed jinħela wisq minnu għax ħafna mill-iżvilupp li sar, u anke minn dak li qed isir, ma pprovdiex bjar adegwati biex dan l-ilma jinħażen. Ħafna ilma tax-xita qed jispiċċa l-baħar inkella jitħallat mad-drenaġġ u jfur f'xi inħawi. Dan apparti li jżid fil-piż tal-impjanti tat-tisfija tad-drenaġġ.

Dan kollu sar għax ma kienx hemm ħeġġa biex ikun assigurat li l-bini ġdid jipprovdi għall-ħażna tal-ilma.

Hemm ħtieġa ta' sorveljanza aħjar dwar il-bini li tiela' issa. L-iskemi diversi ta' għajnuna li jipprovdi l-istat għandhom ifittxu ukoll dejjem iżjed li jgħinu lil min irid itejjeb il-ħażna tal-ilma f'binjiet eżistenti.

Il-proġetti tat-tisfija tad-drenaġġ kienu pass importanti 'l quddiem fl-immaniġjar tal-ilma. Irridu imma nagħtu iktar attenzjoni dwar l-użu possibli ta' dan l-ilma ġdid. Hemm potenzjal kbir fl-agrikoltura li hi l-ikbar konsumatur tal-ilma fil-pajjiż.

# Ir-raba' qed isejħilna



XKUPA ĦADRA TNADDAF

# Ir-raba' qed isejħilna

Diversi tefgħu għajnejhom fuq art agrikola biex jixtruha. Ma jriduhiex għax għandhom xi interess fl-agrikoltura iżda għal diversi raġunijiet oħra. Hemm min iridha għal investiment u hemm min iridha biex fiha jqatta' l-ħin liberu tiegħu, għar-rikreazzjoni, għall-kwiet, 'il bogħod mill-istorbju madwar l-inħawi fejn noqgħodu jew naħdmu.

Dawn, għax jifilħu jħallsu qed jgħollu l-prezz li qed joffru u bi prezz għoli qed jispiċċaw jixtru bosta tmiem raba' f'diversi partijiet ta' Malta u Għawdex.

Billi bħalissa din it-tip ta' domanda qed tikber qed jinħoloq suq li fih il-prezz offrut għal art agrikola hu għoli, għax hemm min jiflaħ u jrid iħallas. Dan qed iħajjar sewwa lil min ibiegħ.

Bosta sidien tar-raba' jippreferu somma tajba milli l-ftit ċekċik ta' Ewro li bħalissa qed idaħħlu mill-qbiela. Fin-nofs, imma, hemm il-bidwi li l-qbiela li illum iħallas hi baxxa wisq, ftit Ewro fis-sena. Bla dubju l-qbiela trid tiżdied. Id-diffikultà hi dwar kemm għandha tkun din iż-żieda. Għax ir-raba' anke jekk fgata bil-kimika, prinċipalment fil-forma ta' pestiċidi, ftit tista' tikkompetti ma dawk li għandhom but fond ħafna. Dan apparti l-fatt li l-kimika fir-raba' teħtieġ li tonqos sewwa, u preferibilment ma tintużax iktar.

Il-biedja ma tirrendix qliegħ biżżejjed biex tagħmel tajjeb għal dawn il-prezzijiet li qed jintalbu. Għal uħud dan ifisser li l-biedja allura għandha tagħmel il-wisa' għal min jiflaħ iħallas. Il-bdiewa allura, x'se jiġri minnhom? L-ikel meħtieġ minn artna, min ser jieħu ħsiebu? Ma nistgħux niddependu biss minn ikel impurtat.

Sa ftit ġranet ilu dan kien l-argument li f'każ wara l-ieħor il-Qrati tagħna kienu qed jaċċettaw. Il-każijiet kienu qed jinqatgħu wieħed wara l-ieħor a bażi ta' din il-liġi tal-ġungla: li min jiflaħ għall-prezz tas-suq għandu d-dritt li jħawwel lil min ma jiflaħx għalih.

Imma f'sentenza riċenti, l-Qorti għamlet l-argument favur il-biedja. Argument li rari, jekk qatt, instema' fl-awli tal-Qrati tagħna. Il-pajjiż, qal l-Imħallef, għandu jħares il-biedja u japprezza iktar dak li tirrendi. Jekk ma nħarsux il-biedja, x'ser nieklu? Il-kummerċ ma' barra mhux dejjem jipprovdi, biżżejjed jew fil-ħin. Ma nistgħux nistrieħu fuq il-kummerċ ma' barra biss. L-art tagħna, jekk tinħadem tista' tipprovdi, kif ipprovdiet iktar minn biżżejjed fil-passat. Imma jeħtieġ li l-art inħarsuha.

Fl-1967 il-Parlament Malti approva liġi dwar il-qbiela. Dan għamlu biex iħares l-użu tal-art agrikola, għax anke dakinnhar kien ikkunsidrat li kien hemm il-ħtieġa għal dan il-ħarsien. Dan kien skop leġittimu tal-Parlament Malti. L-istat għandu r-responsabbilità li jassigura li pajjiż ikollu biżżejjed prodotti tal-ikel għall-ħtiġijiet tal-pajjiż. Dan kien rifless tal-qagħda ekonomika u finanzjarja tal-pajjiż.

Minkejja l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u l-importazzjoni tal-ikel minn barra, l-istat xorta jibqalu l-obbligu li jassigura ruħu li l-pajjiż ma jkunx jiddependi iżżejjed fuq l-importazzjoni. Jekk dan ma jsirx, l-agrikoltura, ftit ftit tispiċċa, darba għal dejjem.

Dan kollu għandu jseħħ f'kuntest ta' rispett sħih tad-drittijiet fundamentali ta' kulħadd.

Huwa fid-dawl ta' dan kollu li jridu nfasslu u niddeċiedu t-triq 'il quddiem.

Il-valur reali tar-raba' jrid ikun rifless ta' dak li l-art verament tirrendi. Il-biedja għandha valur fih innifsu u huwa f'dan il-valur li wieħed irid isib is-soluzzjoni għall-problema li għandna quddiemna.

Il-kobba hi mħabbla sewwa u każ wieħed mhux ser isolvi l-bżibilju kawżi li bħalissa deħlin fil-qrati biex ikunu żgumbrati l-bdiewa minn raba' li ġieb prezz tajjeb fis-suq tal-propjetà. Din hi l-problema reali li minħabba fiha r-raba' qed isejħilna. Qed jgħajjat u jokrob, imma ħafna mhux qed jagħtu kas.

# Il-politika dwar l-iskart



XKUPA
ĦADRA
TNADDAF

# Il-politika dwar l-iskart

L-iskart hu dak li narmu. Imma dan għandu valur, ħafna drabi valur sostanzjali.

Għexna l-parti l-kbira ta' ħajjitna f'ekonomija lineari. Bħala riżultat ta' hekk, wara li nikkunsmaw prodott, meta dan ma jibqax iktar utli għalina għax inkunu ħadna minnu dak kollu li stajna nieħdu, aħna narmuh.

Bħala riżultat tal-mixja lejn ekonomija ċirkulari din l-imġieba għandha tinbidel b'mod li wara li nikkunsmaw prodott, dak li jibqa' minnu ma jintremiex. F'ekonomija ċirkulari, fi tmiem il-ħajja utli tiegħu, prodott użat jerġa jintuża' biex bih tingħata l-ħajja lil prodott ġdid. Dan hu l-iskop tal-politika sostenibbli dwar l-iskart.

L-emfasi fuq l-użu ta' inċineratur biex jinħaraq l-iskart hu dikjarazzjoni ta' falliment tal-politika dwar l-immaniġjar tal-iskart. Din il-politika ma fallietx mil-lum għal għada. Hu falliment akkumulat bħala riżultat ta' tmexxija ħażina fuq numru ta' snin. Huwa ukoll kawża tal-fatt li l-awtoritajiet naqsu milli jfasslu miri ċari u prattiċi li jwasslu messaġġ ċar fid-djar tagħna: li kull wieħed u waħda minna għandu responsabbiltà diretta għall-iskart li nipproduċu.

Ħarsu per eżempju lejn l-iskart organiku. Filwaqt li bla dubju sar progress dwar l-iskart organiku ġġenerat fid-djar, il-pajjiż għadu lura ħafna biex jikkontrolla l-iskart organiku ġġenerat mill-industrija tat-turiżmu. L-impatti tal-pandemija COVID-19 fuq l-industrija tat-turiżmu hi opportunità ta' darba biex din l-industrija tinġieb f'sensiha dwar il-ħtieġa li tikkontrolla l-iskart li hi tiġġenera, partikolarment dak organiku, imma ukoll skart ieħor. Din hi opportunità li sfortunatament qed tintilef. Ma saritx ħidma biżżejjed dwarha.

Fir-riċiklar tal-iskart għadna lura ħafna, 'l bogħod ħafna mill-miri Ewropej li suppost jintlaħqu. Avolja qed isir progress, imma dan qed isir bil-mod wisq. Preżentment Malta qed tirriċikla madwar 12 fil-mija tal-iskart domestiku u dan meta d-Direttiva dwar l-Iskart tal-Unjoni Ewropea tistabilixxi l-mira ta' 50 fil-mija riċiklaġġ għas-sena 2020 liema mira tiżdied għal 55 fil-mija fis-sena 2025. Dan hu kemm u kif fil-fatt għandna falliment tal-politika dwar l-immaniġjar tal-iskart f'Malta.

Hu prinċipju bażiku tal-politika Ewropea dwar l-iskart li hemm modi differenti ta' kif l-iskart ikun immaniġjat. Uħud minn dawn il-modi huma effettivi iktar minn oħrajn. Qed nirreferu għall-*waste hierarchy* li tibda mill-modi l-inqas deżiderabbli ta' immaniġjar tal-iskart, il-miżbliet u l-inċineraturi u tibqa' tiela' sa l-iktar metodu deżiderabbli: li nnaqqsu aħna stess l-iskart li niġġeneraw, ċjoé il-prevenzjoni.

L-inċinerazzjoni tinkoraġixxi r-rimi tal-iskart, għax b'hekk ikun hemm iktar x'jinħaraq. L-inċinerazzjoni xejn ma tinkoraġixxi li wieħed jagħti każ dwar dak li jikkonsma. Twassal messaġġ wieħed ċar: li hemm l-inċineratur biex isolvi l-problema tal-iskart, li inti m'għandekx għalfejn tagħti każ u tinkwieta. Għax l-inċineratur isolvi kollox! Dak il-messaġġ li qed jagħti l-Gvern bl-inċineratur ippjanat għall-Magħtab.

X'inhu l-benefiċċju ambjentali tal-inċinerazzjoni? Il-Gvern qed jiftaħar li se jibda jiġġenera l-enerġija mill-iskart (*waste to energy*). Imma studji juru li r-riċiklaġġ tal-iskart jista' jiffranka ferm iktar enerġija minn kemm tiġi ġġenerata bl-inċinerazzjoni tal-istess skart.

Hemm ħtieġa ta' iktar ħidma biex jonqos l-iskart li niġġeneraw (*waste minimisation*) kif ukoll biex nirriċiklaw ħafna iktar mill-skart tagħna għax bħalissa qed nirriċiklaw ftit wisq. L-industrija tar-riċiklar għandha l-potenzjal li tiżviluppa f'pilastru għall-ekonomija l-ħadra bil-ħolqien ta' kwantità mhux żgħira ta' impiegi. Il-proposta tal-Gvern favur l-inċineratur hi ostaklu kbir biex dan is-settur tant essenzjali għall-ekonomija ċirkulari ikun jista' jissaħħaħ u jiżviluppa. L-introduzzjoni ta' inċineratur ser ikompli jiskoraġixxi lil dawk li bħalissa qegħdin jirriċiklaw.

# Għawdex



XKUPA ĦADRA TNADDAF

# Għawdex

Jissaħħu is-servizzi ta' traġit bejn Malta u Għawdex billi l-*fast-ferry service* ikun estiż u ma jibqax jopera biss mill-Port il-Kbir.

Ikun inkoraġġit il-ħolqien tax-xogħol f'Għawdex u jkunu nkoraġġiti l-ħolqien ta' opportunitajiet akbar ta' studju f'din il-gżira.

Jiġu mħarsa sew iż-żoni urbani u rurali f'Għawdex biex l-iżbalji li saru f'Malta ma jseħħux ukoll f'din il-gżira. Jidħol fis-seħħ moratorju għal permessi ta' bini f'din il-gżira biex l-ewwel jittieħed in konsiderazzjoni bini eżistenti li jinsab battal jew *in-fill land* mhux żviluppata. Żvilupp fuq art ODZ m'għandux jiġi kkonsidrat. Għandha tingħata kas tal-fehma tal-Kunsilli Lokali f'Għawdex li ilhom żmien isemmgħu leħinhom dwar l-isfreġju li bħalissa għaddej fuq il-gżira Għawdxija.

Jieqaf il-proċess tal-ħolqien tal-mina taħt il-baħar bejn Malta u Għawdex kif ukoll dak biex isir mitjar f'Għawdex.

Għandu jsir studju dwar is-sistema tat-traffiku fil-qalba t'Għawdex — ir-Rabat — biex dan ma jibqax fgat bil-karozzi kif inhu fil-parti l-kbira tal-ġurnata billi jkun hemm aktar żoni pedonali u sistemi li jinkoraġġixxu li wieħed jżur din il-lokalita' b'mezzi ta' trasport alternattivi. Dan għandu jwassal biex ma jibqgħux jitwessgħu t-toroq bl-addoċċ kif qed isir bħalissa, forsi ma jiġux repetuti f'Għawdex l-iżbalji li saru f'Malta.

Għawdex m'għandux jibqa' jiddependi daqs kemm hu bħalissa fuq is-servizz tas-saħħa f'Malta billi isir it-titjib imwiegħed fl-isptar t'Għawdex.

Għawdex tkun gżira ekoloġika. Jiġu żviluppati u mwettqa pjani biex tkun iġġenerata u utilzzata iktar l-enerġija rinovabbli f'Għawdex f'kull qasam.

# Il-Kunsilli Lokali



ADPD

XKUPA ĦADRA TNADDAF

# Il-Kunsilli Lokali

Il-prijorità fil-ħidma tal-Kunsilli Lokali hi servizz lin-nies li għandhom ikunu dejjem iktar involuti fid-deċiżjonijiet li jaffettwaw il-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Il-ħidma tal-kunsilli lokali tissaħħaħ billi jkunu allokati iktar riżorsi biex ikunu jistgħu jaħdmu aħjar. Fuq kollox huwa importanti li l-Gvern Ċentrali u l-awtoritajiet imwaqqfa b'liġi jirrispettaw iktar il-prinċipji bażiċi ta' sussidjarjetà u dan billi l-kunsilli lokali jkunu involuti dejjem iktar fid-deċiżjonijiet u l-ħidma meħtieġa fil-lokalitajiet.

Jingħata taħriġ kontinwu lill-kunsilliera u lis-segretarji eżekuttivi biex ikun assigurat dejjem li l-kunsilli jkunu effettivi fil-qadi ta' dmirijiethom.

# Id-droga: politika b'wiċċ uman



XKUPA ĦADRA TNADDAF

ADPD

# Id-droga: politika b'wiċċ uman

Għaddew iktar minn 10 snin mill-pubblikazzjoni tar-rapport tal-Kummissjoni Globali dwar il-politika fuq id-droga liema Kummissjoni kienet immexxija minn Kofi Anan, ex-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda. Rakkomandazzjoni ewlenija ta' din il-kummissjoni kienet li tintemm darba għal dejjem il-kriminalizzazzjoni, il-marġinalizzazzjoni u l-istigmatizzazzjoni ta' dawk li jagħmlu użu mid-droga u li ma jagħmlu l-ebda ħsara lill-ħaddieħor.

It-tibdil fil-liġijiet li ġie approvat mill-Parlament lejn tmiem is-sena l-oħra u li permezz tiegħu il-pussess tal-kannabis għall-użu personali ġie dikriminalizzat hu pass f'din id-direzzjoni, direzzjoni tajba. Dan ma jfissirx li dak kollu li ġie approvat hu tajjeb, imma li b'mod ġenerali l-liġi approvata hi tajba u aċċettabbli. Imma għad hemm x'tirranġa.

Il-liġi approvata hi bidla radikali u allura hu inevitabbli li jkun hemm resistenza kbira għaliha. Dan wieħed jifhmu. Imma minkejja dan, id-deċiżjoni favur id-dikriminalizzazzjoni tal-pussess tal-kannabis għall-użu personali ġiet aċċettata b'mod ġenerali. Dan hu rifless pożittiv tal-mod kif is-soċjetà tagħna qed tħares lejn ir-realtà. Huwa ukoll fatt li għandu u jista' jservi bħala bażi b'saħħitha għall-iżvilupp ta' kunsens wiesa' fil-pajjiż dwar kif inħarsu lejn il-kannabis.

Il-każ ta' Daniel Holmes li bħala riżultat tiegħu numru ta' pjanti tal-kannabis li tkabbru minnu għall-użu personali tiegħu wasslu għal sentenza twila u esaġerata ta' ħabs hu riċenti wisq biex ninsewh.

Il-proċess konsultazzjoni pubblika li sar biex jissaħħaħ il-qafas legali dwar l-użu responsabbli tal-kannabis m'għandux jitqies bħala eserċizzju li ntemm, iżda pjuttost bħala l-bidu ta' proċess konsultattiv kontinwu mal-utenti kollha. Għandna nirrealizzaw ilkoll kemm aħna li minkejja l-ħidma siewja tal-għaqda ReLeaf Malta, f'isem bosta konsumaturi tal-kannabis, hemm bosta persuni oħrajn li filwaqt li jagħrfu l-ħtieġa urgenti għal riforma kienu jippreferu pass iktar kajman, proċess ta' riforma gradwali.

Numru ta' għaqdiet ippreżentaw diversi proposti lill-Parlament. Il-Parlament għamel żball oħxon li injora dawn il-proposti u baqa' għaddej minn fuq kulħadd. Din mhix attitudni li twassal għall-governanza tajba. Il-Parlament messu semgħa ħafna iktar qabel ma ddeċieda. Dan kien jagħmel sens irrispettivament minn kemm kien hemm propsti li dwarhom wieħed seta jasal biex jaqbel. Hemm proposti li setgħu ġew aċċettati facilment. Li dan sar kien jingħata messaġġ tajjeb. Din hi opportunità li ntilfet.

F'dan il-mument kritiku huwa essenzjali li r-riforma dwar id-droga tikseb l-ikbar appoġġ possibli. Il-kunsens jeħtieġ li jkun l-iktar wiesa' possibli. Dan hu meħtieġ biex possibilment ikunu iżolati dawk l-elementi tas-soċjetà li għandhom jemmnu li l-id iebsa tal-liġi tista' issolvi kollox u allura għalihom hu ġġustifikat li jibqgħu jopponu d-dikriminalizzazzjoni.

Ġie stmat li fl-2021, f'Malta hawn madwar 40,000 konsumatur tal-kannabis. Dan hu r-riżultat ta' 40 sena użu tal-frosta kontra dawk f'Malta li jagħmlu użu mill-kannabis. L-id tal-ħadid, il-kriminalizzazzjoni tal-użu personali tal-kannabis ma tatx riżultati pożittivi tul is-snin. Kissret il-ħajja ta' diversi persuni għalxejn.

It-triq 'il quddiem f'riforma dwar id-droga hi li l-pussess għall-użu personali jkun ittrattat b'mod differenti mit-traffikar tad-droga. Dan hu eżattament dak li tagħmel il-liġi li l-Parlament approva iktar kmieni din il-ġimgħa. Imma f'din il-liġi għad hemm x'tirranġa b'mod partikolari biex ikun assigurat ħarsien aħjar tat-tfal u ta' persuni vulnerabbli. Dawn huma fost il-punti ewlenin li għamlu l-għaqdiet lill-Parlament. Dawn l-għaqdiet, b'responsabbilta' qablu mad-dikriminalizzazzjoni f'każi ta' pussess ta' kannabis għall-użu personali. Dan hu pass kbir il-quddiem li għandu jkun rikonoxxut minn kulħadd.

ADPD u l-predeċessuri tiegħu (AD u PD) dejjem appoġġaw il-ħtieġa ta' riforma fil-politika tad-droga kemm b'mod ġenerali kif ukoll speċifikament id-dikriminalizzazzjoni tal-pussess għall-użu personali tal-kannabis. Fil-fatt il-Manifest Elettorali ta' Alternattiva Demokratika fl-2017 kien l-unika wieħed li tkellem fuq din il-materja bħala wegħda elettorali.

Hi sfortuna li kemm il-Gvern kif ukoll il-Parlament tilfu opportunità unika biex jibnu u jsaħħu l-kunsens nazzjonali. Avolja tard għadu possibli li dan ikun irrimedjat.

# Favur l-ugwaljanza u kontra l-vjolenza a bażi tal-ġeneru




XKUPA ĦADRA TNADDAF

# Favur l-ugwaljanza u kontra l-vjolenza a bażi tal-ġeneru

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hi fil-qalba tal-politika ħadra. Irridu garanzija ta' aċċess għal servizz li jindirizza s-saħħa sesswali u riproduttiva ta' kulħadd.

Jeħtieġ li nkomplu nikkumbattu l-vjolenza a bażi tal-ġeneru.

Fl-2014 Malta għamlet pass kbir il-quddiem meta b'emenda kostituzzjonali ħarset l-identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali. Dan għandu jkun estiż biex jinkludi karatteristiċi tas-sess.

Inkomplu ninsistu għall-pagi ugwali għal xogħol ta' valur identiku, ċjoé li tkun indirizzata l-*gender pay gap*, u li l-istrutturi tal-poter ikunu jirrispettaw bilanċ bejn il-ġeneri.

Il-politika u s-servizzi kollha għandhom jirrikonoxxu id-diversità u għandhom jindirizzaw u jipprevjenu kontra kull xorta ta' vjolenza u diskriminazzjoni, inkluż kontra persuni LGBTIQ+. Dan għandu jinkludi aċċess bla diskriminazzjoni għax-xiri ta'oġġetti u servizzi, inkluż fil-qasam tas-saħħa.

Fuq il-karta Malta hi kommessa li tħares u tipproteġi l-identità tal-ġeneru. Dan imma għandu mhux implimentat għal kollox. Fil-qasam tal-persuni *non-binary* għad jonqos ħafna x'isir, inkluż id-dritt li dawn jibdlu isimhom. Id-diskriminazzjoni għandna niġġieldulha f'kull ħin irrispettivament mill-forma li timmanifesta ruħha.

Wieħed minn dawn l-oqsma hi t-taxxa imsejħa taxxa roża (*pink tax*) u ċjoé t-taxxa mħallsa fuq prodotti li huma essenzjali għall-mara biex taqdi l-ħtiġijiet sanitarji tagħha. Dawn il-prodotti m'għandhomx jibqgħu jkunu soġġetti għal taxxa tal-VAT.

F'każijiet ta' separazzjoni fejn ikun hemm it-tfal, teżisti t-tendenza li l-ommijiet jingħataw iktar drittijiet milli jingħataw il-missirijiet. Dan huwa sforz tal-fatt li tradizzjonalment, lill-missierijiet huma inqas involuti fit-trobbija tal-ulied mill-ommijiet. Din il-prattika mill-qrati għandha tiġi riveduta sabiex apriori, deċiżjonijiet fuq il-kura tat-tfal għandhom jitilqu mill-premessa li t-tfal għandhom bżonn taż-żewġ ġenituri tagħhom (*shared parenting*). Nifhmu li deċiżjoni bħal din iżda, għalkemm deżiderabbli fil-prinċipju, għandha dejjem tkun soġġetta għall-aħjar interess tal-minuri fil-kuntest partikulari tal-każ individwali.

# Is-saħħa



XKUPA ĦADRA TNADDAF

# Is-saħħa

Il-ħaddiema kollha fis-servizz tas-saħħa jixirqilhom ir-ringrazzjament tagħna lkoll ta' kemm ħadmu b'dedikazzjoni favur il-morda tagħna. Jeħtieġilhom kundizzjonijiet dejjem aħjar biex jagħmel tajjeb għall-fatt li huma qegħdin hemm kontinwament, sebat ijiem fil-ġimgħa.

Is-servizz tas-saħħa fil-komunità jeħtieġ li jissaħħaħ dejjem iktar.

It-tobba li mhux impjegati mal-Gvern imma jaħdmu fil-komunitajiet tagħna għandhom ikunu mgħejuna fejn dan hu possibli. Dan jista' jsir b'diversi modi. Fost oħrajn b'għajnuna biex jitwaqqfu gruppi ta' tobba li jingħaqdu flimkien fi grupp. Dan isaħħaħ is-servizz mediku fil-komunità

Jeħtieġ ukoll li jiżdied l-aċċess għal testijiet b'xejn mis-servizz pubbliku tas-saħħa li tobba tal-familja fil-privat jkunu jistgħu jordnaw għall-pazjenti tagħhom skond in-natura tal-kundizzjoni li jkollu l-pazjent.

L-ispiżeriji li ssieħbu fl-Ispiżerija tal-Għazla Tiegħek għandhom jingħataw iktar għajnuna sabiex l-ispazju li jkollhom biex tobba u paramediċi jagħtu servizz lill-pazjenti jkunu mtejjeb u modernizzat.

Investiment fit-tobba tal-familja li jaħdmu għal rashom hu ta' benefiċċju għas-servizz kollu tas-saħħa. Iżda għandu jkun dejjem assigurat li tibqa' distinzjoni ċara bejn is-settur pubbliku u dak privat.

Hemm ħtieġa dejjem ikbar ta' investiment fis-saħħa mentali b'servizz aħjar fil-komunità. Tul il-pandemija tal-COVID-19 in-nies sofriet. Dan qed jirrifletti ruħu dejjem iktar fi problemi ta' saħħa mentali.

Hemm bżonn ta' iktar emfasi u riżorsi allokati għas-saħħa mentali li kultant qisha ic-*Cinderella* tas-servizz tas-saħħa. Hu meħtieġ bla aktar dewmien sptar ġdid flok l-isptar Monte Carmeli b'faċilitajiet moderni għall-każijiet akuti ta' saħħa mentali.

Il-Fondazzjoni Richmond li tant tagħti servizz tajjeb favur is-saħħa mentali fil-komunità teħtieġ iktar għajnuna biex tkun tista' torganizza ruħha aħjar u b'hekk tkun iktar effettiva fil-komunitajiet tagħna. Għandu jkun hemm *sheltered homes* f'kull belt u raħal f'pajjiżna.

Il-ftehim ma' Vitals/Stewards għandu jkun sfidat fil-qorti mill-Gvern stess għax hu serqa kbira. Hu ċar daqs il-kristall li din hi serqa oħra lill-kaxxa ta' Malta.

Il-ħajja ta' dawk li jaħdmu fis-servizzi tas-saħħa hi waħda iebsa. Tirrikjedi u fil-fatt hi dedikazzjoni totali. Pagi aħjar hi biss parti mis-soluzzjoni. Jeħtieġu ukoll iktar għajnuna biex jegħlbu d-diffikultajiet personali li jiffaċċjaw minħabba kif dan jaffettwa is-saħħa mentali tagħhom. Hemm bżonn servizz dedikat biex jgħin lill-dawk kollha fis-servizz tas-saħħa tal-pajjiż ħalli jkunu jistgħu jindirizzaw l-impatt ta' xogħolhom fuq is-saħħa mentali tagħhom. F'xi każi dan diġa qed iseħħ imma hemm ħtieġa li dan ikun imtejjeb.

Din hi inizjattiva li hi meħtieġa mhux biss għal dawk kollha li jaħdmu fis-servizz tas-saħħa imma ukoll għall-għalliema, għall-Pulizija, għal dawk li jagħtuna servizz fil-qasam tal-protezzjoni ċivili kif ukoll għal tant setturi oħra.

B'popolazzjoni li qiegħda dejjem tikber fl-età, qed tikber il-ħtieġa ta' barranin fis-servizz tas-saħħa. Trid tonqos il-burokrazija għax din qed tagħmilha diffiċli għal bosta.

Il-mediċini użati fil-kura tal-kanċer mhux dejjem huma aċċessibli permezz tas-servizz tas-saħħa. Ħafna drabi dawn il-mediċini, li jiswew ħafna flus jispiċċaw jinxtraw mill-*Community Chest Fund Foundation* immexxija b'tant abbiltà mill-President tar-Repubblika, mhux biss dak kurrenti imma anke l-predeċessuri tiegħu.

Filwaqt li nroddu ħajr lill-Presidenza tar-Repubblika għal dan is-servizz lin-nazzjon m'għandniex nirrassenjaw ruħna li dan jibqa' jsir. L-ispiża għas-servizz tas-saħħa m'għandhiex tkun dipendenti fuq il-karità u l-ġbir, bħall-Istrina, li tieħu ħsieb il-Presidenza.

Il-klinika għall-benesseri tal-ġeneru *(Gender Wellbeing Clinic)* hija essenzjali biex ikunu ndirizzati l-ħtiġijiet tas-saħħa tal-komunita *transgender*. Hemm ħtieġa urgenti ta' iktar investiment mhux biss biex jiżiedu is-servizz mogħtija imma biex tiżdied ukoll l-effiċjenza fl-għoti tas-servizz inkluż il-perjodu ta' stennija. Hu meħtieġ ukoll li jinstab post iktar ċentrali biex ikun hemm aċċess aħjar għas-serviżżi offruti.

Il-prattika li jkun rifjutat donazzjoni ta' demm mill-komunità gay għandha tieqaf minnufih. Kien saru dikjarazzjonijiet f'dan is-sens imma s'issa dan għadu ma seħħx.

Hu meħtieġ li jkun hemm għarfien aħjar fost it-tobba u l-paramediċi kollha tal-ħtiġijiet mediċi tal-komunità LGBTIQ. Dan m'għandux ikun limitat għal dawk li joperaw fil-klinika għall-benesseri tal-ġeneru. Għandu jkun rifless iktar fit-taħriġ li jingħata lill-komunità medika kollha.

# Drittijiet dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva



XKUPA ĦADRA TNADDAF

# Drittijiet dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva

Id-dibattitu dwar il-*Morning After Pill* ftit snin ilu kien wieħed inkrepattiv. Għamel tajjeb il-Gvern dakinhar li ħa deċiżjoni amministrattiva li biha l-*Morning After Pill* bdiet tinbiegħ fl-ispiżeriji tagħna. Imma sfortunatament għad hemm spizeriji, li, kif investigaw numru ta' ġurnali, għadhom jirresistu li dan il-bejgħ isir bl-iskuża ta' 'oġġezzjoni ta' kuxjenza'. Fid-dawl tal-fatt li f'xi ġranet l-ispiżeriji miftuħa huma limitati din l-"oġġezzjoni ta' kuxjenza" mhux aċċettabbli. Ikun forsi aħjar li kontraċettivi, inkluż il-*Morning After Pill* jitqassmu b'xejn mis-servizz nazzjonali tas-saħħa.

Id-dibattitu dwar l-abort hu wieħed emottiv. L-insulti u t-tgħajjir li għaddejjin huma bla limitu. Huwa f'din l-atmosfera li qed issir id-diskussjoni. Ċerti nies, sfortunatament, ma jitgħallmu qatt.

Id-dibattitu pubbliku huwa ibbażat fuq l-istess punt fundamentali tad-dibattitu dwar id-divorzju: fil-pajjiż jirrenja l-pluraliżmu etiku. Jiġifieri jeżistu valuri kuntrastanti. Kuntrasti li ilhom jinbnew ftit ftit tul is-snin imma li ġew moħbija mil-lenti pubblika. Id-diskussjoni kienet waħda ipprojibita. Ma saritx minħabba l-biża' minn soċjetà intolleranti, frott tal-fundamentaliżmu li għixna fih għal ħafna snin. Is-soċjetà tagħna illum żviluppat f'soċjetà lajka li immanifestat ruħha fir-referendum dwar id-divorzju u fl-aċċettazzjoni tad-drittijiet LGBTIQ.

Mhux kull abort hu xorta. Mhux ġustifikat li taqbad l-"agħar każ ta' abort" u tuża lilu bħala eżempju.

Il-kampanja kontra l-abort hi iffukata fuq abort bla limitu li ma jeżisti kważi mkien. Fuq l-iktar każ estrem, kontinwament jinbena argument li jappella għall-emozzjonijiet flok għar-raġuni. Argument li jbeżża' lil uħud imma li ma jikkonvinċix lill-kotra li kapaċi taħseb b'moħħha.

Il-kampanja favur id-dritt tal-għażla (pro-choice) min-naħa l-oħra tagħmel l-argument li mara għandha dritt li tagħżel dak li trid, x'ħin trid u bla ma jindaħlilha ħadd. Dan jinkludi dritt li tagħżel jekk u meta tidħol għal abort. Argument neoliberali fejn il-libertà individwali m'għandhiex limiti.

Id-dibattitu hu kuntrast bejn dawn iż-żewġ estremi. Id-djalogu min-naħa l-oħra twasslek x'imkien ieħor li jkun aċċettat abort f'każijiet limitati fejn is-sens komun jgħidlek li dan hu ġustifikat. L-argumenti emottivi dan kollu jinjorawh u allura jimminaw id-diskussjoni matura li tant neħtieġu f'dan il-pajjiż. Il-pajjiż ma jeħtieġx l-abort bħala stil ta' ħajja imma l-abort bħala rimedju f'ċirkustanzi straordinarji.

F'Malta l-abort isir. Jagħmluh n-nisa li jixtru pilloli online u jeħduhom mingħajr ma jikkonsultaw tabib, bil-kumplikazzjonijiet kollha possibli. Ma teżistix statistika dwar kemm minnhom jidħlu l-isptar bħala riżultat ta' dan. L-abort isir ukoll fl-isptar Mater Dei f'ċirkustanzi fejn tittieħed azzjoni biex tkun imħarsa l-ħajja ta' nisa tqal li jiffaċċjaw kumplikazzjonijiet fit-tqala. Riċentment kellna l-polemika dwar t-tqala magħrufa bħala '*ectopic*', jiġifieri meta l-bajda ffertilizzata teħel f'tubu intern fil-mara. Dan it-tubu (*Fallopian tube*) hu żgħir u jekk ma tittieħed l-ebda ażżjoni jinfaqa' u jipperikola l-ħajja tal-mara tqila.

Il-kura li tingħata f'dawn iċ-ċirkustanzi hi mediċina li taqla' l-bajda iffertilizzata minn mat-tubu u tarmiha. Jekk dan idum ma jseħħ jikber il-periklu u tkun meħtieġa operazzjoni. Fiż-żewġ każi dan hu abort li bħalu jsiru numru kull sena f'Mater Dei. Imma ħadd ma jgħid xejn dwar dan, għax kulħadd jaċċetta li dan hu intervent meħtieġ.

L-abort terrapewtiku, jiġifieri l-abort biex tkun protetta s-saħħa tal-mara hu aċċettat mil-liġi Maltija. Dan mhux ċar għal kulħadd għax ma jirriżultax minn provedimenti miktuba tal-liġi. Jirriżulta imma b'mod ġenerali minn prinċipji fundamentali legali. Ikun għaqli jekk il-liġi Maltija li diġa tippermetti l-abort terapewtiku tkun ċara għal kulħadd.

Hu ċar li l-opinjoni pubblika f'Malta, fil-parti l-kbira taċċetta l-abort meta dan hu meħtieġ biex iħares il-ħajja tal-mara. Meta tiddiskuti, bosta jaslu biex jaċċettaw li l-abort f'dawn iċ-ċirkustanzi hu tollerabbli.

Hemm ċirkustanzi oħra fejn l-abort hu inqas kontroversjali. Qed nirreferu għal meta jsir abort f'kaz ta' stupru jew f'każ ta' inċest. Fejn it-tqala hi sfurzata, bi vjolenza, hu ġustifikat li jsir abort preferibilment fil-fażi l-iktar kmieni possibbli tat-tqala. Mara li għaddiet minn vjolenza ma tistax u m'għandhiex issib il-liġi bojja lesta biex tikkastigaha, għax inkella tispiċċa soġġetta għal vjolenza doppja.

Xi kultant naqraw b'min jirrikorri għal abort għax it-tqala u t-twelid jitqiesu xkiel għall-iżvilupp tal-karriera. Hemm soluzzjonijiet diversi għal dawn it-tip ta' ċirkustanzi, minn edukazzjoni aħjar dwar is-saħħa riproduttiva għal sens ikbar ta' responsabbiltà mhux biss tal-mara imma ukoll tar-raġel.

L-aħħar eżempju huwa fejn issir għażla favur l-abort minħabba l-faqar. Jintqal li hawn każi fejn il-mezzi ta' familja huma tant ristretti li ma jifilħux għal wild ieħor. Anke hawn hemm soluzzjonijiet li minħabba n-nuqqas ta' dibattitu pubbliku ftit li xejn jiġu esplorati. Irridu nindirizzaw l-għerq tal-faqar u mhux il-konsegwenzi tiegħu. Inkella nibqgħu fejn konna. Anke hawn in-nuqqas ta' edukazzjoni dwar is-saħħa riproduttiva għandu effett enormi.

Mhux in-nisa biss jeħtieġilhom jitgħallmu iktar imma anke l-irġiel għandhom ħtieġa kbira għal dan: uħud jeħtieġu doża iktar qawwija ta' rispett u sens ta' responsabbiltà.

Id-dekriminalizzazzjoni, almenu f'ċerta aspetti, hi parti essenzjali mit-tibdil meħtieġ. L-ebda mara m'għandha tkun soġġetta għal passi kriminali għax ħadet il-pilloli li waslulha bil-posta inkella għax irrikorriet b'xi mod għall-abort wara vjolenza li taqqlitha. Il-mara li tagħmel abort hi ukoll vittma hi stess u teħtieġ l-għajnuna u mhux is-swat tal-liġi.

Neħtieġu dibattitu kalm għax hu b'hekk biss li nistgħu nifhmu iktar lil xulxin.

L-edukazzjoni sesswali għandha tkun mandatorja fl-iskejjel kollha bla eċċezzjoni. Din għandha tinkludi ukoll informazzjoni dwar relazzjonijiet LGBTIQ+.

Il-GU clinic jeħtieġlu żieda sostanzjali fil-finanzjament tiegħu biex ikun jista' jkun effettiv u jilħaq mal-ħtiġijiet mediċi tal-komunitajiet kollha. B'mod partikolari jinħtieġu iktar tobba imħarrġa fuq il-prevenzjoni u l-kura ta' mard trażmess sesswalment.

Ir-rata ta' dijanjożi ta' każijiet HIV hi għolja meta mqabbla mal-medja fl-Unjoni Ewropea. Hemm bżonn naġġornaw u ntejbu s-servizzi mediċi f'dan il-qasam.

# L-edukazzjoni



XKUPA ĦADRA TNADDAF

# L-edukazzjoni

ADPD tikkunsidra l-edukazzjoni bħala mezz lejn għarfien kritiku u nfurmat fuq id-dinja. Hija wkoll mezz li jsseddaq l-iżvilupp personali u komunitarju. Tqis l-edukazzjoni wkoll bħala pern tal-ġustizzja soċjali. Ir-riċerka fl-edukazzjoni turi biċ-ċar li ħafna studenti li ġejjin minn żvantaġġ soċjali, jibqgħu maqbudin fiċ-ċirku vizzjuż tal-iżvantaġġ soċjali tagħhom anke wara li jgħaddu mis-sistema edukattiva. Irridu għaldaqstant nkomplu nistħarrġu kif niffaċilitaw strutturi li joffru għajnuna lit-tfal b'mod sostnut u fil-pront.

Hu bżonn li l-iskejjel ikollhom l-ispazju li jfasslu soluzzjonijiet huma, mingħajr indħil żejjed u riċetti riġidi ddettati miċ-ċentru. Il-pandemija uriet kemm l-inizjattiva tal-iskejjel individwali kienet strumentali biex instabu soluzzjonijiet kreattivi għad-diffikultajiet li ffaċċjaw. Il-politka soċjali u dik edukattiva jridu jimxu id f'id. L-edukazzjoni ma tistax issib soluzzjonijiet għall-żvantaġġi soċjali waħedha.

**Edukazzjoni Bikrija**
Għandu jsir iktar emfasi fuq l-edukazzjoni bikrija għaliex huwa minn hemm li l-iżvantaġġi soċjali jistgħu jibdew jiġi ndirizzat. Dan jimplika numru ta' miżuri f'dan il-qasam. Dawn jinkludu iktar taħriġ u titjib fil-kundizzjonijiet tal-ħaddiema, razzjonalizzazzjoni tal-kurrikulu, u inġaġġ ta' iktar irġiel biex jgħin biex jindirizza sterjotipi marbuta ma ġeneru li jimbtu minn kmieni fl-imħuħ taż-żgħar tagħna.

**Pandemija opportunità**
Il-pandemija kompliet titfa' tfal żvantaġġjati fi żvantaġġi ikbar. Fl-istess waqt, il-pandemija offriet ukoll numru ta' possibilitajiet li jistgħu jissarrfu f'opportunitatjiet ta' riġenerazzjoni.

Għandu jitnieda proċess ta' riflessjoni kreattiva, kritika u konsultattiva. Dan m'għandux jieħu s-sura ta' dokumenti għal konsultazzjoni bħal dawk li vara l-gvern bil-gzuz malli waslet biex tispiċċa s-sena skolastika li għaddiet, imma għandhom ikunu l-komunitajiet edukattivi infushom li jfasslu l-aġenda u joħorġu b'soluzzjonijiet li jirrispondu għal kuntesti partikulari tagħhom. Dawn is-soluzzjonijiet ġenerati mill-iskejjel għandhom imbagħad iwasslu għal Strateġija Nazzjonali Edukattiva Post-Pandemija li tipproponi orizzonti ġodda fil-qafas tal-politika edukattiva nazzjonali. Il-proċess għaldaqstant, għandu jsir bil-maqlub ta' dak li qed isir bħalissa fuq diversi temi. Il-Bord ta' Implimentazzjoni tal-Qafas tal-Kurrikulum għandu jerġa' jibda jiltaqa'. L-għanijiet tiegħu għandhom jiġu mwessa' sabiex jikkunisdra l-kuntest speċifiku tal-pandemija u l-effett li din kellha fuq il-qafas kurrikulari. Fost dawn l-impatti, dan il-bord għandu jeżamina kif il-qasam essenzjali tal-arti u l-kreattività ġie milqut u kif dan l-aspett jista' jiġi ndirizzat.

Hemm ħtieġa ta' investiment ikbar fil-qasam psiko-soċjali fl-edukazzjoni biex jiġi ndirizzat l-impatt konsiderevoli fuq is-saħħa mentali ta' numru sostanzjali ta' tfal u żgħażagħ. Mingħajr ma ninvestu f'dan il-qasam, qajla nkunu nistgħu nindirizzaw aspetti oħra fl-edukazzjoni.

**Investiment fl-Edukazzjoni**
ADPD tħoss li l-investiment fl-edukazzjoni ma jistax jibqa' jiffoka fuq miżuri li jlellxu u jolqtu l-għajn, imma għandu jkun hemm sens ikbar ta' prijorità u viżjoni fit-tul lil hinn minn skadenzi elettorali.

Fost il-prijoritajiet hemm inġustizzji dejjiema ma tfal b'diżabilità u l-familji tagħhom, speċjalment dawk bi dħul baxx. Huwa tal-mistħija li għad għandna tfal jiddependu mill-karità sabiex ikollhom aċċess għal għodda u għajnuniet biex jikkomunikaw. Huwa ta' għajb ukoll li l-ġenituri ta' ħafna tfal u żgħażagh b'diżabilità ikollhom iħallsu prezz ħafna iktar għoli minn familji oħra għal servizzi rikreattivi u sportivi, minħabba d-diżabilità tat-tfal tagħhom. Dan ifisser li tfal f'familji bi dħul baxx jiġu żvantaġġjati bil-possibilità distinta li mingħajr ma jridu, jibqgħu lura milli joffru esperjenzi usa lit-tfal tagħhom. Il-mudell ta' karita` għandu joħodlu postu mudell ta' ġustizzja.

Għandha tkun illegali li servizzi offruti lil persuni b'diżabiltà ikunu iktar għalja mill-istess servizzi offruti lil tfal jew żgħażagħ oħra. Dan jinkludi servizzi sportivi u kulturali offruti bi ħlas. Dan sabiex l-aċċessibilità għat-tfal kollha tiġi garantita.

L-għajnuna li ser tingħata lil tfal li jkollhom bżonn assistenza professjonali, sa l-età ta' ħames snin, għandha tiġi estiża għal tfal u żgħażagħ ta' etajiet ikbar. Dan sabiex jitnaqqas il-piż konsiderevoli fuq il-familji speċjalment dawk l-iktar vulnerabbli.

Għandhom isiru sforzi ikbar sabiex ix-xogħol sinifikattiv li jkun sar fl-iskejjel ma jintilifx meta it-tfal jispiċċaw mill-iskola. Għandu jkun hemm strutturi iktar robusti fl-oqsma post sekondarji li joffru opportunitajiet inklussivi li jistgħu iwasslu lil studenti b'diżabilità għal xogħol dinjituż u ħajja iktar awtonoma. Dan għandu jsir permezz ta' pjanijiet edukattivi individwalizzati li jiġu estiżi lil hinn mill-edukazzjoni obbligatorja u b'kontinwazzjoni magħha.

**Tfal qabel l-ekonomija**
Biex l-ekonomija tkompli tikber, tul is-snin tnidew numru ta' servizzi edukattivi estiżi sabiex it-tfal ikunu ndukrati waqt li l-ġenituri tagħhom ikunu x-xogħol. Filwaqt li dan is-servizz huwa essenzjali għal numru ta' ġenituri li ma jistgħux jagħmlu mod ieħor, huwa importanti li l-kejl tas-suċċess ta' dawn il-programmi ma jitkejjilx minn kemm l-ekonomija setgħet tikber permezz tagħhom imma għandhom jitkelju permezz ta' riċerka li tistħarreġ kemm dawn is-servizzi qed jgħinu fl-iżvilupp aħħari tat-tfal tagħna.

**Rispett lejn l-edukaturi**
Kif jisħqu l-OECD u anke l-Kummissjoni Ewropea, ir-rispett u t-tisħiħ tal-professjoni fl-edukazzjoni hija prekursur ta' kull titjib dejjiem fl-edukazzjoni.

Filwaqt li ADPD tilqa' investiment fuq l-infrastruttura edukattiva, tħoss li l-ikbar investiment għandu jsir fuq l-edukaturi. Għandhom jittejbu il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-edukaturi sabiex l-aħjar elementi jigu mħajra jservu fil-qasam edukattiv.

Ix-xogħol fejjiedi li jsir fl-edukazzjoni għandu jingħata viżibilita` sabiex iktar persuni jitħajru jidħlu għal din il-vokazzjoni.

L-edukaturi għandhom igawdu iktar dinjità, fiduċja u rispett billi jigu mistħarrġa spazji ikbar għal diskussjoni u riflessjoni bħala parti mill-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-edukaturi.

**Kurrikulum f'viżjoni usa'**
Ir-riflessjoni u sens ta' awto kritika huma essenzjali sabiex l-edukaturi ma jibqgħux jiġu ttrattati ta' *technicians* li jimplimentaw dak li jgħaddilhom ħaddieħor. Dak li jsib postu fil-kurrikulum qatt ma jista' jitqies bħala innoċenti u newtrali u għaldaqstant, il-ħsieb kritiku fl-iskejjel nfushom li jfittex spazji kurrikulari huwa kruċjali. Hu essenzjali ukoll li l-kurrikulu jittratta b'mod oġġettiv il-familji LGBTIQ+.

L-inklużjoni għandna tfisser iktar mill-inklużjoni ta' tfal b'diżabilità. Filwaqt li tirrikonoxxi x-xogħol li qed isir fl-edukazzjoni fuq kwistjonijiet li jirrigwardaw ir-razziżmu, il-maskiliżmu u sterjotipi marbuta ma' etnija jew reliġjon, hemm lok għal sforzi ikbar sabiex naslu għal soċjetà iktar inklussiva. Fost l-oħrajn, għandu jiġi kkontemplat il-ħolqien ta' spazji ikbar ta' nkontru bejn tfal minn reliġjonijiet differenti. Ilu li wasal iż-żmien li minflok ma jkollna edukazzjoni reliġjuża separata u esklussiva skond it-twemmin, ikun hemm ukoll spazji formali ta' edukazzjoni reliġjuża inklussiva. Dan jimplika li l-istudenti ma jkunux segregati minn xulxin, kulħadd fir-rokna tagħha jew tiegħu imma jkun hemm esperjenzi formali flimkien li jinkludu lit-tfal kollha f'kuntest ta' għarfien u rispett reċiproku. Dan m'għandu jnaqqas xejn mill-għarfien ta' dak li jsawwar l-identità reliġjuża individwali ta' kull tifla u tifel, anzi, jivvalorizzaha u jibni fuqha.

Fl-isfond ta' emfasi fuq suġġetti STEAM, ghandha ssir evalwazzjoni ta' kemm qed tingħata mportanza lil oqsma tal-għerf meqjusa bħala umanistiċi u kreattivi, essenzjali għall-iżvilupp kritiku, komunitarju, soċjali u estetiku. Dan biex inkunu ċerti li qed jinstab bilanċ ġust bejn oqsma differenti tal-għerf.

**Saħħa u sigurtà**
Is-saħħa u s-sigurtà tat-tfal tagħna għandha tieħu prijorità fuq kull aspett ieħor. Minħabba nuqqas ta' qbil bejn il-pulizija, il-LESA u Transport Malta, ħafna skejjel, ta' kuljum, ikollhom ifendu għal rashom sabiex it-tfal jaslu u jitilqu mill-iskejjel. Dan qed jitfa' piż ikbar fuq l-iskejjel li apparti milli jieħdu ħsieb it-tfal taħt il-kura tagħhom, jispiċċaw ukoll ikollhom jagħmluha ta' kontrolluri it-traffiku madwar l-iskejjel. Dan sitwazzjoni inaċċettabbli. M'għandniex nistennew traġedja sabiex insibu soluzzjoni.

L-iskejjel kollha għandu jkollhom l-għajnuna neċessarja mill-entitajiet responsabbli, sabiex is-sigurtà madwar l-iskejjel meta t-tfal jaslu u ikunu ser jirritornaw id-dar tiġi garantita.

**Messaġġi ambjentali koerenti**
Huwa ċar li ż-żgħażagħ huma iktar sensittivi għal kwistjonijiet ambjentali u dan jista' jiġi attribwit għal ħafna xogħol siewi li qed isir f'dan il-qasam fl-edukazzjoni. It-tfal jitgħallmu bl-eżempju.

Għandhom jitniedu iktar *walking buses* sabiex titnaqqas id-dipendenza fuq il-karozzi. Miżura bħal din tnaqqas ukoll il-geġwiġija li tinħoloq kemm filgħodu u kemm wara nofsinhar, meta t-tfal fil-primarji jaslu u jitilqu mill-iskola.

Qabel ma jitħabbru miżuri ta' arja kkundizzjonata fl-iskejjel kollha biex jintraxx il-bżar fl-għajnejn, għandu jsir studju dettaljat fuq kemm jistgħu jiġu utilizzati sistemi passivi sabiex l-iskejjel ikunu iktar komdi. Inutli nħambqu fuq l-effett serra biex imbagħad l-awtoritajiet edukattivi jibqgħu jippreferu soluzzjonijiet faċli li ma jirrispettawx il-preżent u l-futur tat-tfal tagħna.

# L-edukazzjoni post-sekondarja, l-MCAST u l-Università



XKUPA ĦADRA TNADDAF

# L-edukazzjoni post-sekondarja, l-MCAST u l-Università

L-MCAST hija istituzzjoni importanti ħafna għax toffri toroq differenti edukattivi u jsir sforz akbar biex jintużaw diversi metodi differenti u kumplimentari ta' tagħlim. Avolja l-MCAST hija istituzzjoni vokazzjonali u teknika, nemmnu li l-istudenti għandhom ikunu offruti esperjenzi edukattivi varjati li jiffokaw fuq l-iżvilupp sħiħ tal-persuna.

L-offerta ta' korsijiet fl-MCAST għandha tkun varjata u twaħħad l-edukazzjoni ma' servizz lejn is-soċjetà. L-isforzi li f'din id-direzzjoni għandhom jissaħħu. Fis-snin li ġejjin għandu jkun hemm ukoll emfasi fuq it-tranżizzjoni ekoloġika f'kull qasam ta' studju u f'riċerka fuq it-twettiq tal-*Green Deal*. L-MCAST għandha tiżviluppa f'Università Teknika u tax-xjenzi applikati bħal istituzzjonijiet simili fl-Unjoni Ewropea.

L-MCAST u l-akkademiċi tal-MCAST għandhom jingħataw l-awtonomija akkademika mistħoqqa. F'kull istituzzjoni post-sekondarja l-politika pedagoġika għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju li edukazzjoni dejqa mhix fl-interess tal-istudenti, u li l-edukazzjoni istituzzjonali teżisti f'kuntest soċjali. Kull edukazzjoni m'għandhiex toħloq teknikratiċi li tant huma maqtugħa mill-kuntest soċjali li jispiċċaw aljenati minn dak li jkun qed jiġri madwarhom.

L-elezzjonijiet għal rappreżentanti tal-istudenti fl-Università, l-Junior College, l-MCAST u l-istituzzjonijiet post-sekondarji kollha tal-istat għandhom jitbiddlu mill-qiegħ biex il-kunsilli rispettivi tagħhom verament iħaddnu studenti b'diversità ta' ħsieb. Is-sitwazzjoni attwali ta' kunsilli monolitiċi tfisser kunsilli mhux rappreżentattivi, u l-esklużjoni tal-ideat validi sempliċiment għax huma differenti. Taħriġ fil-politika, servizz komunitarju u ċittadinanza attiva ikunu għażla f'kull kors f'kull istituzzjoni post-sekondarja. L-ITS għandha ssir istitut tal-MCAST.

Fl-Università ta' Malta ir-Rettur hu elett mill-Kunsill tal-Università u fl-MCAST il-Prinċipal hu appuntati direttament mill-gvern jew il-Ministru. Fl-UM il-kunsill li jaħtar ir-Rettur huwa taħt il-kontroll assolut tal-gvern tal-ġurnata. Fl-MCAST, il-Prinċipal huwa appuntat direttament minn Bord tal-Gvernaturi, li huwa kontrollat mill-Ministru tal-Edukazzjoni. Il-ħatra tar-Rettur tal-UM u tal-Prinċipal tal-MCAST għandha ssir permezz ta' elezzjoni, bl-eletturi eliġibbli jkunu l-istaff u l-istudenti kollha reġistrati ta' dawn l-istituzzjonijiet. Il-gvern diġà għandu kontroll tal-budget ta' dawn l-istituzzjonijiet u m'għandux ikollu il-kontroll kważi assolut li għandu sal-lum.

L-istipendji, kemm dawk tal-Università kif ukoll dawk tal-MCAST, jissaħħu kontinwament u għandhom gradwalment jinġiebu f'ekwivalenza għal nofs il-paga minima nazzjonali. Dan sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jiffukaw fuq l-istudji tagħhom u jkunu jistgħu jirfinaw l-abbiltajiet u t-tagħrif li qiegħed jiġi mgħoddi lilhom. Dan għandu jgħin sabiex, fost raġunijiet oħra, itaffi ftit mill-problemi li jiffaċċjaw l-istudenti li jkollhom ifendu għal rashom, u li isibuha diffiċli li jibbilanċjaw il-ħajja tax-xogħol mal-ħajja ta' student.

Din il-miżura għandha tgħin sabiex iktar żgħażagħ Maltin u Għawdxin, speċjalment dawk minn familji b'mezzi limitati, jersqu iktar lejn l-edukazzjoni post-sekondarja bħala għażla naturali. L-ikbar investiment li nistgħu nagħmlu hu fl-edukazzjoni ta' uliedna.

# Il-kultura, l-isports u l-għaqdiet volontarji



ADPD

XKUPA
ĦADRA
TNADDAF

# Il-kultura, l-isports u l-għaqdiet volontarji

Il-farsa fil-*Malta Film Awards* ta' din is-sena urietna li l-Kummissjoni tal-Films ma tagħtix prijorità lill-industrija lokali tal-*films*. Waqt li hu tajjeb li Malta tagħti servizz lill-industrija internazzjonali tal-produzzjoni tal-films hu importanti li t-talent lokali ma jingħatax il-ġenb. Il-Maltin li jaħdmu f'din l-industrija għandhom ikunu konsultati meta jitfasslu strateġiji ġodda. L-għajnuna finanzjarja biex ikun żviluppat it-talent lokali għandu jiżdied.

L-organizzazzjonijiet lokali tal-isport kollha jaħdmu ħafna biex l-isport li huma jmexxu 'l quddiem ikun dejjem apprezzat u segwit iktar. Sfortunatament ħafna mill-attenzjoni hi ffukata fuq il-futbol. Hemm ħtieġa li l-isports kollu jkun mgħejun u li l-faċilitajiet sportivi eżistenti kollha jkunu mtejba u indukrati aħjar.

L-artisti f'Malta huma kważi injorati għal kollox. Jeħtieġu għajnuna u iktar apprezzament.

L-ispazju għall-għaqdiet volontarji qiegħed sfortunatament qiegħed dejjem jonqos. Il-voluntiera f'dawn l-għaqdiet kollha minn dawk taż-żgħażagħ għal dawk ambjentali jagħtu servizz enormi u ta' utilità kbira lis-soċjetà Maltija. Bħalissa qed jiffaċċjaw burokrazija kbira mal-banek apparti li kontinwament għandhom diffikultajiet biex ikollhom post u faċilitajiet minn fejn jaħdmu.

# Il-ħabs



XKUPA ĦADRA TNADDAF

# Il-ħabs

Il-ħabs għandu jkun post fejn id-dinjità ta' kull persuna tkun rispettata. Ma jistax ikollna ħabs immexxi bil-biża' u t-theddid li flok jirrijabilità lil dawk li jidħlu fih jispiċċa jmarradhom mentalment u emozzjonalment. Trattament inuman u degradanti mhu postu mkien, lanqas il-ħabs. Għax persuna tinsab il-ħabs ma jfissirx li l-istat għandu jkun vendikattiv, inuman u degradanti. Il-ħabs hu post għar-rijabilitazzjoni mhux għat-tpattija.

Il-ħabs m'għandux jitmexxa la minn persuni militari u lanqas minn Pulizija imma min-nies imħarrġa b'mod speċjalizzat fil-kura rijabilitattiva. Il-militar u l-Pulizija m'għandhomx rwol fit-tmexxija tal-ħabs ta' demokrazija b'saħħitha. Post il-ħabs hu fil-qafas tal-Ministeru responsabbli mill-Politika Soċjali.

Ikun hemm Kummissarju estern li jissorvelja l-ħabs u li jkun jifforma parti mill-uffiċċju tal-Ombudsman. Dan għandu jkun inkarigat biex jisma' l-ilmenti tal-ħabsin u l-familjari. Għandu ukoll jinvestiga kull allegazzjoni dwar abbuż minn uffiċjali tal-ħabs, kif ukoll incidenti ġravi li jinqalgħu minn żmien għal żmien. Inkluż kull każ ta' suwiċidju jew attentat ta' suwiċidju, imwiet jew każijiet ta' moħqrija.

L-uffiċjali tal-ħabs għandhom ikunu mħarrġa u dan it-taħriġ għandu jkun aġġornat regolarment.

# It-teknoloġija li tagħraf l-uċuħ
## *(facial recognition technology)*



XKUPA
ĦADRA
TNADDAF

# It-teknoloġija li tagħraf l-uċuħ *(facial recognition technology)*

Fil-passat riċenti ġie propost mill-Gvern li tkun użata t-teknoloġija li tagħraf l-uċuħ fil-ġlieda kontra l-kriminalità. Għalkemm l-informazzjoni magħrufa dwar dan hi skarsa, jkun opportun li nkunu ċari. L-użu tat-teknoloġija li tagħraf l-uċuħ tinħtieġ attenzjoni kbira biex ikunu mħarsa drittijiet fundamentali tal-bniedem. Aħna ippreokkupati ukoll dwar id-data akkumulta u l-potenzjal li din tintuża ħażin biex tintraċċa l-movimenti tal-persuni u b'hekk timmina d-dritt tal-privatezza.

It-teknoloġija li tagħraf l-uċuħ, bħal kull teknoloġija oħra, tista' tintuża tajjeb imma tista' ukoll tintuża ħażin. Tista' tgħinna nkunu iktar siguri, imma tista' tgerrem (bla ma nindunaw) id-drittijiet tagħna. Hemm il-potenzjal, imma hemm ukoll responsabbiltajiet kbar.

Bi storja ta' istituzzjonijiet dgħajfa li repetutament ma kienux kapaċi jieqfu lil dawk fil-poter, ma tantx qegħdin tajjeb. It-teknoloġija għall-għarfien tal-uċuħ tista' tikkonċentra wisq informazzjoni (u poter) f'idejn il-pulizija. Dan jista' jkun perikoluż jekk il-kontroll fuq l-informazzjoni miġbura ma tkunx waħda qawwija. Li ninvestu fis-sigurtà tagħna ma jfissirx li għandna nċedu l-privatezza tagħna.

F'din l-era diġitali hu meħtieġ li s-sorveljanza tkun kontabbli quddiem istituzzjonijiet demokratiċi msaħħa.

# L-immigrazzjoni



XKUPA
ĦADRA
TNADDAF

# L-immigrazzjoni

Il-politika dan dwar l-immigrazzjoni hi waħda ta' solidarjetà. Dwar l-obbligu tagħna li ngħidu lil ħaddieħor imma ukoll dwar l-obbligu tal-bqija tal-Unjoni Ewropea li tgħinna nerfgħu l-piż iddettat lilna mill-ġografija.

Ma nistgħux naħarbu mir-realtà ta' madwarna u nkunu indifferenti għad-diffikultajiet li jiffaċċjaw dawk maħruba ifittxu futur ġdid għalihom u għall-għeżież tagħhom. Għandna l-obbligu li nagħtu kenn u għajnuna lil kull min jeħtieġha, bla eċċezzjoni. Imma għandna ukoll id-dritt li nistennew li nkunu mgħejuna nerfgħu dan il-piż. Dan ma jsirx biss bl-għajnuna finanzjarja imma billi r-responsabbiltajiet jinqasmu bejn kulħadd.

Dan ma jgħoddx għalina biss. Il-pajjiżi fuq il-fruntiera tal-UE m'għandhomx jibqgħu jerfgħu r-responsabbiltà għall-migrazzjoni prattikament waħedhom. Emendi għar-regoli ta' Dublin, flimkien mal-formolazzjoni u l-approvazzjoni ta' politika olistika tal-UE dwar il-migrazzjoni li permezz tagħha il-pajjiżi membri tal-UE jieħdu fuq spallejhom ir-responabbiltà għall-migrazzjoni mingħand l-istati fuq il-fruntiera, hi t-triq 'il quddiem.

Il-ħidma tagħna f'dan il-qasam għandha tkun kontinwament ispirata minn prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll mill-obbligi tagħna internazzjonali. Mhux aċċettabbli li nitnikkru fit-twettieq tal-obbligu tagħna li nsalvaw in-nies li jkunu jeħtieġu l-għajnuna tagħna. Il-kollaborazzjoni ta' Malta mal-Libja f'dan il-qasam ħafna drabi hi tradiment ta' dan l-obbligu u dan għax fil-Libja ma hemm l-ebda rispett lejn id-drittijiet internazzjonali. Hemm liġi li tqarreb lejn il-liġi tal-ġungla.

Hu meħtieġ ukoll li nagħmlu dak li nistgħu biex ikunu ri-unifikati familji ta' immigranti. B'mod partikolari għandu jkun emfasizzat li bosta mill-immigranti ġejjin minn pajjiżi fejn ir-relazzjonijiet LGBTIQ+ mhumiex rikonoxxuti. Għandha tingħata għajnuna kull fejn possibli biex anke f'dawn il-każijiet tkun mgħejuna r-ri-unifikazzjoni.

B'mod ġenerali aħna naqblu mal-ħidma tal-NGOs Maltin li jaħdmu f'dan il-qasam. Il-Gvern għandu jfittex li jaħdem id f'id ma' dawn l-NGOs.

# It-testment bijoloġiku



XKUPA ĦADRA TNADDAF

# It-testment bijoloġiku

Nintroduċu d-dritt għal testment bijoloġiku *(living will)*. Dan ikun jikkonsisti f'dikjarazzjoni magħmula tul il-ħajja attiva ta' bniedem, waqt li huwa jkun f'pussess totali tal-fakultajiet fiżiċi u mentali tiegħu. F'din id-dikjarazzjoni huwa jagħti direttivi antiċipati dwar ir-rieda tiegħu għal dak li għandu x'jaqsam mat-terapiji li huwa jaċċetta jew le fl-eventwalità li jsib ruħu f'kundizzjoni ta' inkapaċità li jesprimi dan id-dritt tiegħu.

ahdar.green